# BALLATA TA' L-ISTORJA

## TAS-SOĊJETA FILARMONIKA "LOURDES"

## QRENDI

**1895 - 1995**



MEL

ML
27
.M35
Q743
1995

versi: FRANCIS TABONE

F' egħluq il-100 Anniversarju
tas-Soċjeta' Filarmonika **"L O U R D E S"**
**Q R E N D I**
b'għarfien
lil dawk kollha li ħadmu fi ħdan
is-Soċjeta'
tul iż-żmenijiet.


BANDA
LOURDES
QRENDI

## STATUT

### 1. ISEM

Każin tal-Banda "LOURDES"

### 2. SKOP

Il-Każin tal-Banda "Lourdes" twaqqaf fil-Qrendi fl-1895 bl-iskop:-

(a) li jqanqal u jxerred l-istudju u l-kultura tal-mużika, isaħħah it-twaqqif tal-Banda u jħeġġeġ kull attivita' soċjali u kulturali fl-istess raħal,

(b) li jieħu ħsieb u jiċċelebra l-festa ad unur il-Madonna taħt it-titolu minn ta' Lourdes,

(c) li l-Każin iservi wkoll għar-rikreazzjoni tal-Bandisti u Soċi.

### 3. KOSTITUZZJONI

(1) Dan il-Każin hu magħmul minn:-
(a) Kumitat Eżekuttiv
(b) Bandisti
(c) Soċi

(2) It-tmexxija tal-Każin u l-Banda tiegħu, kif ukoll ta' kull Korp / Kumitat ieħor li jista' jitwaqqaf fl-istess Każin hi f'idejn il-Kumitat Eżekuttiv.

# PRESIDENTI



Sur Anton Fenech
1895 - 1907



Sur Nikol Magri
1908 - 1912



Dr. F. Buhagiar LL.D.
1913 - 1922



Not. S. Borg Olivier
1923 - 1930



Sur A. Zammit
Mc Keon PL
1931 - 1936



Sur Mikiel Cassar
1937 - 1941



Dr. Guze' Cassar
K.O.M., B.A., LL.D.
1942 -

QRENDI LOURDES BAND

A.D. 1895



# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

L-istorja ta' pajjiżna hi msawwra kemm minn avvenimenti nazzjonali li jolqtu direttament lil kull Malti, u anke minn ġrajjiet oħra ta' inqas importanża li għalkemm iseħħu fl-ibliet u rħula tagħna, xorta jkollhom l-importanza tagħhom.

Fl-1860, ġewwa Malta kien hawn żvilupp kulturali u mużikali u bdew jinbtu l-ewwel Każini tal-Baned. Lejn tmiem is-seklu dsatax dawn il-Każini, kemm f'Malta u anke f'Għawdex bdew jitwaqqfu b'pass mgħaġġel tant li nsibu li diġa kienu jeżistu mas-36 Każin tal-Banda.

L-iskop ta' dawn il-Każini kien u għadu ta' ċentri fejn il-Maltin jirrekkjeraw ruħhom u anke sabiex ikattru l-interess għall-arti tal-mużika. Barra minn hekk kull Każin huwa nvolut u responsabbli għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa fil-parroċċa tiegħu. Dawn il-fatturi għenu sabiex ikabbru l-manifestazzjonijiet esterni u l-imħabba għall-mużika.

Mitt sena ilu, fl-1895, twieled fil-Qrendi l-ewwel Każin li proprju għammduh bl-isem ta' "CASINO LOURDES". Kienu mitt sena ta' ħidma bla waqfin, ta' suċċessi, ta' qtiegħ il-qalb, ta' ġrajjiet sbieh u anke ta' ġrajjiet koroh, għaliex hekk hi mżewqa l-ħajja tagħna.

Illum mitt sena wara, b'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li kienu snin ta' servizz kulturali lill-Komunita Qrendija. Kienu mitt sena ta' żvilupp kontinwu fil-Każin tagħna, li jagħmel ġieħ lill-fundaturi u membri ta' dan il-Każin.

Din is-sena qegħdin niċċelebraw bil-kbir il-100 Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjeta tagħna LOURDES, l-ewwel każin fil-Qrendi, u għalhekk huwa xieraq li nfakkru l-ġrajjiet li seħħew fi ħdan is-Soċjeta tagħna, mill-jiem bikrin sa żmenijietna.

Bħala wild il-Qrendi u President tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, nixtieq inrodd ħajr lis-Sur Francis Tabone għal dina l-Ballata li rnexxielu jikteb dwar l-istorja tas-Soċjeta' f'perjodu relattivament qasir. Kienet ideja oriġinali għall-aħħar li titlob iżjed xogħol u attenżjoni. Għal din il-pubblikazzjoni brillanti u nteressanti ferm. PROSIT tassew.

**Dr. Ġużè Cassar**



**Il-Bust tal-President Onorarju Is-Sur Charles A.B. ST. George Fis-Sala tal-Każin**

# IL-ĠRAJJA FIT-TAQBILA



Għad li ta' kuljum issib lil min hu lest li jarmi u jżeblaħ il-Malti, l-ġmiel u s-siwi ta' Lsienna huma xi ħaġa li m'għadx baqa' lok għal kontroversji dwarhom. Illum għandna nkunu ferm iktar ħerqana biex insaħħu dak li nkiseb u nħallu l'Malti jikber u jistagħna b'mod l-aktar prattiku u ħieles. Wara kollox il-puristi jistgħu jagħmlu ħsara daqs min ma jridx jaf bil-Malti għal xi raġunijiet snobbistiċi tiegħu.

Is-sbuħija tal-Malti, bħal fil-każ tal-lingwi semitiċi kollha, tidher l-aktar fil-poeżija. Mhux ta' b'xejn, għalhekk, li l-Maltin tul ġrajjiethom dejjem ħabbew it-taqbila. Ħafna mill-qwiel tagħna issib li jaqblu, filwaqt li l-għanja tradizzjonali Maltija tispikka f'dan il-qasam.

Il-ġrajja li kiteb Francis Tabone dwar is-Soċjeta' tal-Banda Lourdes tal-Qrendi hija t-tkomplija ta' dan id-don lingwistiku. Il-Malti l-għaxqa tiegħu jqabbel, u t-taqbil tiegħu jew jiktbu nkellha jgħannieh.

Naturalment, hawnhekk irridu niddistingwu bejn kitba ta' valur letterarju u kitba oħra li jkollha l-għan li twassal ġrajja permezz ta' versi sempliċi, ħfief u mexxejja. It-tnejn fihom is-seħer tagħhom u t-tnejn għandna nfittxuhom, għax huma fergħat li xxettlu miż-żokk felhan ta' l-Ilsien Malti.

**Charles Flores**



Kumitat Ezekuttiv 1995



IL-Bandisti tal-Banda "Lourdes" fl-okkażjoni tal-programm televiżiv "Il-Ħadd mal-Maltin" meta tfakkar "Jum il-Qrendi", il-Ħadd 27 ta' Frar 1994. Jidher ukoll il-President Dr. J. Cassar

# DEDIKA



Meta ġew xi xogħlijiet letterarji f'idejja tas-Sur Francis Tabone u rajt l-istil mexxej u ħafif tiegħu, ġietni l-ideja, li l-pubblikazzjoni sabiex infakkru l-Mitt Anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjeta' tagħna fil-Qrendi, tiehu forma ta' poeżija. Il-Kumitat Festi Ċentinarji għoġbitu l-ideja w approvha

Meta avviċinajna lis-Sur Tabone u urejnieh bix-xewqa tagħna, li jikteb Ballata, hu laqgħha bil-ferh din il-proposta tagħna u daħal għal din il-biċċa xogħol bl-ikbar entużjazzmu u dedikazzjoni. Kif nistgħu naraw, din il-kwalita' ta' mod kif ġiet riprodotta l-istorja tas-Soċjeta' tirrikjedi xogħol doppju:- li tiġbor il-materjal u t-tagħrif u wara li tipproduċieh f'poeżija.

Għalhekk jien perswaz li l-kontribut li ta' s-Sur Tabone għal din il-Ballata, li tikkonsisti f'iktar minn erba' mitt stanza, huwa wieħed mir-rigali sbieħ li ġew pprezentati lis-Soċjeta'. Rigal ta' tifkira ta' dawn il-Festi Ċentinarji li ma jintesa qatt.

U hawn nixtieq pubblikament NIDDEDIKA dan il-Ktieb lil dawk kollha li tul dawn il-Mitt Sena żammew din il-fjamma tixgħel u ndukraw bis-sħiħ iż-żerriegħa li l-fundaturi tagħna żergħu mitt sena ilu.

Dan il-Ktieb niddedika:-

**(A)** Lill-Membri tal-Kumitat, passat u preżent, li ħadmu volontarjament sforż l-imħabba u l-għożża lejn il-każin, il-Festa u l-Banda, u ssagrifikaw ħinhom, flushom u taw xogħol tal-pinna u ta' l-id bla ħlas.

**(B)** Lid-Diretturi tal-Orkestra / Banda u Bandisti tagħna li flimkien bil-kapaċita, dedikazzjoni u dixxiplina żammew fuq l-ogħla pedestal l-Orkestra Bellini u wara l-Banda Lourdes, u anke għaliex fil-prattika



Kummissjoni Nisa
1995

żammew u wettqu wieħed mill-iskopijiet ewlenin li twaqqfet għalih is-Soċjeta': l-arti tal-mużika.

**(C)** Lill-Benefatturi li kkontribwew bla limitu u wieġbu għal kull sejħa li saret b'risq il-proġetti kbar jew żgħar li matul dawn il-mitt sena ġew ippjanati u li bil-kuraġġ u l-għajnuna finanzjarja tagħhom saru rejalta.

**(D)** Lill-Membri u Partitarji kollha għall-inkoraġġiment bla limitu li offrew.

**(E)** Lid-delettanti tan-Nar għad-dedikazzjoni fix-xogħol perikoluz tagħhom li anke kienu vittmi b'disgrazzji tan-nar fl-iżjed paġni ta' swied il-qalb fl-istorja tas-Soċjeta' tagħna.

Lill-Dawn kollha u lil-Dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ħabbew, batew, ferħu, stinkaw u għenu lill-Każin tagħna, niddedika dan il-ktieb.

**Joe A. Magro**
**Vici President**








Iż-żewġ Baned ewlenin tal-Qrendi, il-Banda "Lourdes" u l-Banda "Sta Marija", iffurmaw flimkien Banda waħda f'Jum il-Qrendi il-Ħadd 27 ta' Frar 1994.

# MIN HU L-POETA



Francis Tabone twieled is-Sannat Għawdex fit-13 ta' Novembru 1925 minn Joseph u Marianna neè Zammit, fost sebgħat aħwa, erba' subien u tlett ibniet.

Meta kellu sitt snin Francis beda jattendi l-iskola Elementari tal-Gvern fis-Sannat, pero' minħabba l-għaks kbir li kien qed jaħkem f'dawk iż-żmenijiet missieru ddeċida li jiġi jaħdem hawn Malta u għalhekk sabu ruħhom il-Qrendi. Din kienet is-sena 1935 u ta' għaxar snin Francis beda jattendi l-iskola Primarja tal-Gvern fil-Qrendi li kien responsabbli għaliha s-surmast Filippo Zammit, bniedem ta' l-affari tiegħu u ta' dixxiplina kbira.

Sa minn meta kien żgħir Francis kellu ġibda kbira għall-qari, u peress li ma kellux flus biex jixtri kotba, kien jaqra l-gazzetta li kienet toħroġ dak iż-żmien "Il-Berqa". Pero' l-iżjed li kien iħobb jaqra kienet xi poeżija u kien jaffaxxina ruħu jaqra l-fuljett umoristiku li kien joħroġ kull ħmistax "Dr. Brombos" jew kotba żgħar b'xi poeżiji ta' storja ta' xi delitt jew l-istorja ta' Genoveffa.

Meta l-Gwerra bdiet tbatti fl-1942 daħal membru fis-Soċjeta' ta' Lourdes, u beda jitgħallem il-mużika taħt is-Surmast M. Ciantar. Francis kien tħajjar jitgħallem l-Euphorium u dak iż-żmien il-bandisti kienu kollha soċi fil-każin ta' Lourdes.

Meta kellu 27 sena Francis emigra lejn Awstralja fejn dam għaxar snin, u wara għamel anke xi żmien l-Ingilterra. Fil-ħin liberu tiegħu kien joqgħod jikteb poeżiji għaliex dan kien l-uniku delizzju tiegħu. U għalkemm kiteb ħafna poeżiji u ġew ippublikati f'xi rivisti pero' kien impossibli għalih li jippubblika xi ktieb b'xogħolijiet minn tiegħu peress li ma sabx min jisponsorjah. Pero' xorta baqa' jikkoltiva u jikteb poeżiji fl-istil mexxej u ħafif tiegħu. Francis ħareġ bil-pensjoni minn mal-Gvern fl-1986.

Francis iżżewweġ lil Speranza Caruana fil-25 t' April 1978 u kellhom tifel jismu Christopher.

# SOĊJETA' FILARMONIKA
# "LOURDES"
# QRENDI

## B A L L A T A   T A'
## L - I S T O R J A

TAS-SOĊJETA FILARMONIKA
"LOURDES"

Q R E N D I

**1 8 9 5 - 1 9 9 5**

versi: FRANCIS TABONE



**Ritratt ta' l-Istatwa tal-Madonna ta' Lourdes Datat 1878**

Jiena qbadt il-pinna f'idi
B'attenzjoni u qalb ħerqana
Sabiex biha tagħrif nagħti
Kif twieled il-każin tagħna.

Ċertu Dun Pietru Pawl Xuereb
Li ġo l-Isla twieled, dan
Flok Dun Ġużeppi Cilia
Tal-Qrendi sar Kappillan.

Kien bniedem ta' rieda tajba
Fir-raħal wera nteress
Wara li tal-Parroċċa tagħna
Huwa kien ħa l-pussess.

Huwa sar ir-ragħaj tal-Qrendi
Fl-elf tmien mija u disa' u sittin
U billi kellu qalbu tajba
Dan daħal f'qalb il-Qrendin.

Kellu mħabba kbira għall - Madonna
Illi f'Lourdes dehret din
Fejn dehret tmintax-il darba,
Fl-elf tmien mija u tmienja u ħamsin.

Huwa kien għamel kemm seta'
Tagħha jxerred devozzjoni
Tassew kien stinka u tħabat
B'imħabba u dedikazzjoni.

Iż-żerriegħa li hu żera'
Art għammiela sabet din
Sa kibret u saret siġra
Li tat Frott mill-aktar bnin.

Tal-ħidma fejjieda tiegħu
Minn kulħadd kellu tifħir
Speċjalment ġewwa il-Qrendi
Ġabet ġid mill aktar kbir.



Eċċ. Revs. Mons Isqof Carmelo Conti Scicluna li ikkonferma b'digriet it-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes fil-21 ta' Jannar 1878.

Wara ħdax il-sena fil-Qrendi
Ta' Lourdes waqqaf il-Fratellanza
Eżatti għoxrin sena wara
Li dehret f'Lourdes, fi Franża.

Mill-Isqof Carmelo Conti Scicluna
Id-diġriet tagħha kien sar
Fl-elf tmien mija u tmienja u sebgħin
Fil-wieħed u għoxrin ta' Jannar.

Għamel ukoll il-Kurunella
Li għadha sa dil-ġurnata
Illi mill-istess Isqof
B'diġriet ġiet ikkonfermata.

Sewwa Hu u kemm familtu
Kienu għamlu opri kbar,
Imħabba kellhom għal-Madonna
Li f'qalbhom tkebbes bhan-nar.

Kienu nies wisq ġenerużi
Li jieħdu tant interess
L-istatwa tal-Madonna Ta' Lourdes
Iffinanzjawha Huma stess.

Illi ġewwa ir-raħal tagħna
Hi kienet inġabet din
Maħduma mill-istatwarju,
Is-Sur Carlo Darmanin.

Għax għall- Madonna ta' Lourdes
Qalbhom bl-imħabba kellhom mimlija
Anki wkoll l-inkwatru għamlu
Li kien hemm fis-sagristija.

Irregalaw il-medalja
Tar-Rettur tal-Fratellanza
Li tintlibes fil-purċissjoni
Li sal-lum għadha użanza.



**Il-Wisq Rev. Kappillan Dun Pietro Paul Xuereb LLD., DD.**
**1869 - 1882**

Kif ukoll salib tal-fidda
Li fil-purċissjoni jmur
Anki wkoll sett gandlieri
Ta' fuq l-altar maġġur.

Standard u lasta tal-fidda
Li jistħoqqilhom kull tifħir,
Soppraporta u purtiera
Għal ta' fuq il-bieb il-kbir.

Sett karti glorja tal-fidda
U ħafna opri oħra sinjuri
Li tassew tal-Fratellanza
Kienu kbar benefatturi.

Dun Pietru Pawl mir-raħal telaq
Fl-elf tmien mija u tnejn u tmenin
Sar Arċipriet u Kunsillier tal-Mosta
Biex jaħdem fost il-Mostin.

Kien ix-xahar minn ta' Diċembru
Minnu kellna tnejn u għoxrin
Fl-elf tmien mija u erba' u disgħin
Infired minn mal-ħajjin.

Imma l-opri nobbli tiegħu
Jibqgħu ħajja, ma jmutu qatt,
Tal-ġid kbir li Huwa għamel
Jibqa' mnaqqax f'qalb kulħadd.

Aħna ċerti li l-Madonna
Żgur tagħtu l-għajnuna tagħha
U ninsabu lkoll persważi
Li l-Ġenna qiegħed Magħha.

Jien fuq, fuq, it-tagħrif tajtkom
Fuq dal-kbir benefattur
Li tal-Fratellanza ta' Lourdes
Tagħha kien il-fundatur.





**Il-Palazz Spiteri Agius fi Strada Rjali L-ewwel sede tal "Casino Lourdes"Fl-1895**

Issa xi tagħrif sa nagħti
Minn qalbi, bis-serjeta,
Fuq il-bidu ta' ġrajja l-oħra
Kif twaqqfet is-Soċjeta'.

Żewġ ġrajjiet hekk importanti
B'konnessjoni ma' xulxin
Kienu ta' fejda kbira
Għar-raħal tagħna, Qrendin.

Dak iż-żmien ġewwa l-Qrendi
Kienu jiġu ħafna sinjuri
Biex iqattgħu l-btala tagħhom,
Jiġu hawn bħal vilaġġaturi.

Kienu jħobbu l-kampanja
U dak kollu li hu qadim
Iħobbu l-affarijiet storiċi
Bħall-Imnajdra u Ħaġar Qim.

Imma dak iż-żmien fir-raħal
Ma kienx hawn fejn tgħaddi ż-żmien
Ma kienx hawn post idejali
Sabiex jiltaqgħu flimkien.

Għalhekk xi nies mir-raħal
Li kienu ħabrikin,
Dawna kienu ħolmu
Sabiex jiftħu xi każin.

Għalhekk huma l-pjan għamlu
Kif kienu lkoll flimkien
Krew il-Palazz ta' Spiteri Agius,
Fi Strada Rjali kien.

Fl-aħħar il-ħolma tagħhom
Kienet saret rejalta
Għax fetħu każin Soċjali
Biex jagħqqdu s-Soċjeta.


N° 3.

Seduta I.

Fil 10 ta Frar 1895.

F'din is-Seduta gieu pre-
sentò il Membri colla u ghad-
da chif seirin inghidu; Is-Sociu
tan N°-1 già ammess bil voti colla - N° 15.
2 " " 14 iva u 1 le.
3 " " colla - N° 15.
4 " " "
5 " " 12 iva u 3 le
6 " " colla - N° 15.
7 " " "
8 " " "
9 " " "
10 " " 11 iva u 4 le
11 " " colla N° 15
12 " " "
13 " " "
14 " " "

tan. N° 15 già ammess bil voti 13 iva u 2 le
u'l hamsa l'ohra colla gieu
ammessi bil voti colla N° 15.
Il Comitat vasa li issir of-
ferta mis-Soci scont ir-regolament
ghal Bottegin ghas-Seduta tal 24 ta
Frar; u ta ordni lil Caxxier li
jonfok xi spejjes necessarii.

Nicola Magri President.
Segretariu.

Avvis

Nhar il Hadd fis 17 ta
Frar fil 5 ta fil ghaxia issir
Comitat

Soci proposti
ghal din is-Seduta.

Il-Ktieb tal-Minuti tal-"Casino Lourdes"

Dawn semmewh 'Casino Lourdes'
Illi għaqqad il-Qrendin
Għax in-nies tar-raħal kollha
Bih dawn kienu wisq kburin.

Fl-elf tmien mija ħamsa u disgħin
Dal-każin ġie nawgurat
Illi fih kienu jinġabru
Sew ħaddiema, kemm kbarat.

Dal-każin ingħoġob ħafna
Fih ħadu tant interess
U l-Arma tiegħu għażlu
Bħal tal-Belt ta' Lourdes stess.

Illi dina tikkonsisti
F'għamla ta' tliet torrijiet,
U quddiemhom veduta, sbejħa,
Magħmula minn seba' għoljiet.

Kien post ta' rikrejazzjoni
Li fih kulħadd beda jattendi
Għax kien l-ewwel każin Soċjali
Li nfetaħ ġewwa l-Qrendi.

Huwa beda b'għadd ta' Soċi
Ilaħħqu tmienja u ħamsin,
Soċjeta' tassew qawwija
Li tnisslet fostna l-Qrendin.

In-nies kollha tar-raħal tagħna
Kienu lkoll kburin biha,
Kienet tieħu ħsieb il-festi
Ta' Lourdes u Santa Marija.

Għalhekk ir-raħal kollu
Bi ħġaru kien magħqud magħha,
U s-Sur Anton Fenech
Kien l-ewwel President tagħha.

Dana kien l-ewwel bniedem,
Tas-Soċjeta' s-sisien bena,
U dam jokkopa din il-kariga
Għall-perijodu ta' tnax-il sena.

Imbagħad kien laħaq floku
Nikola Magri taċ-Ċess
Illi s-Soċjeta' ta' Lourdes
Bih kienet għamlet progress.

Is-Sur Nikol twieled il-Qrendi
Kien imżejjen bl-aqwa onesta',
Kien wieħed mill-pilastri
Li waqqfu s-Soċjeta'.

Kien bniedem ta' paċenżja kbira
Fit-tagħlim Hu kien imdorri
Kien għalliem fl-iskola l-qadima
Li kien hemm fi Triq it-Torri.

Kien għalliem ukoll tal-mużika,
Arloġġar u piżatur,
L-ewwel Orkestra fil-Qrendi
Tagħha kien il-fundatur.

Kien jisimha " Orkestra Bellini"
Li Hu kien organizza sewwa
Kienet tiegħu ħsieb il-festi
Sew ta' barra, kemm ta' ġewwa.

Anki fil-Ġimgħa l-Kbira
Din kienet tiegħu sehem sew
Kif ukoll f'dik ta' Lourdes
Tal-Ħniena u San Mattew.

Meta kienet id-doqq fil-knisja
Hemm fil-kor fejn ikantaw,
Biex jitilgħu fil-gallerija
Is-sellum kienu jużaw.



Orkestra Bellini 1927

Fl-elf disa' mija u ħamsa
Fi żmien ta' Nikol il-Presidenza
Il-Każin ta' l-għaqda Lourdes
Kien biddel ir-residenza.

Hemmhekk twieldet l-Orkestra
Li fuqha tajtkom tagħrif jiena.
Fil-Każin fi Triq Irjali
Kantuniera ma' tal-Ħniena.

Nikol ukoll baqa' msemmi
Li għamel tant qlub ferħana
Għaliex hu bl-aċitalena
Kien dawwal il-każin tagħna.

Ħames snin dam f'din il-kariga
Li kellu ta' President
Għall-partit dan kompla jaħdem
Huwa sa l-aħħar mument.

Imbagħad Francesco Buhagiar
Bniedem bravu w edukat
Illi laħaq flok Nikola,
Kellu l-lawrja ta' avukat.

Huwa twieled ġewwa l-Qrendi
Bin familja mill-aħjar,
Kantuniera ma' Triq il-Ħniena
Hemm tagħhom kienet id-dar.

Kien it-tielet President ta' Lourdes
F'din il-kariga dam tmien snin
Mill-elf disa' mija u tlettax
Sa l-elf disa' mija u għoxrin.

Imbagħad kienu telqu r-raħal
U marru ġo Birkirkara
Imma l-Qrendi baqa' jħobbu
Ta' spiss hawn kien jagħmel żjara.





Festi Ċinkwantinarji tal-Fratellanza
1878 - 1928



Minn Birkirkara għall-Belt Valletta
Fis-Sette Ġunju kienu hemm,
Meta nqala' nkwiet ma' l-Ingliżi
U tal-Maltin xerrdu d-demm.

Huwa kien bniedem politiku,
Popolari kien wisq dan.
Mal-Partit, kien ikkontesta,
Nazzjonalista Panzavekkjan.

Darba waħda 'meeting' għamel
Ġol-pjazza tar-raħal tagħna
Ħafna nies miegħu nġabru
Bil-bnadar kollha ferħana.

Dr. Francesco Buhagiar
Kien kiseb l-akbar unur
U Ministru tal-Ġustizzja
Dak iż-żmien kien ġie maħtur.

Imbagħad wara x-xahar ta' Ottubru
Elf, disa' mija u tlieta u għoxrin
Huwa laħaq Prim Ministru,
Sar il-mexxej tal-Maltin.

Wara telaq il-politika
U mħallef imbagħad kien,
Imma fil-ħatra li kellu
Ma tantx fiha għamel żmien.

Għaliex huwa ħalla d-dinja
Fis-sena erbgħa u tletin
Meta ġiet il-mewt ħaditu
Fl-għomor ta' erbgħa u ħamsin.

Hu ta' l-akbar unur għalina,
Fl-istess ħin qalbna ferħana,
Għax ghad baqa r-ritratt tiegħu
Fis-Sala tal-każin tagħna,



Beatissimo Padre

Onor. Salvatore Borg Olivier, Direttore del Circolo Cattolico Musicale sotto il titolo di N. S. di Lourdes costituito con il permesso dell'autorità Ecclesiastica in Casal Crendi (Malta) umilmente prostrato ai piedi della Santità Vostra implora la Benedizione Apostolica per se e per tutti gli attuali membri componenti il Circolo.

Li lilu aħna nżommu
B'tant għozza w interess
Illi hemm imnizzel fuqu
Il-firma minn tiegħu stess.

Warajh kellna r-raba' wieħed
Li dil-kariga bil-qalb aċċetta,
In-Nutar Salvu Borg Olivier
Imwieled il-Belt Valletta.

Hu beda l-Presidenza tiegħu
Fis-sena tlieta u għoxrin,
Kien spiċċa minn din il-kariga
Fl-elf disa' mija u tletin.

Kien bniedem ta' rieda tajba,
Qalbu tajba u sinċier.
Iż-ziju ta' ex Prim Ministru:
Dottor Ġorg Borg Olivier.

Huwa qeda din il-kariga
B'għozza kbira u fedelta'
Ma kienx reġa' kkontesta'
Għaliex kien kiber fl-eta.

Warajh daħal Zammit Mackeon
Lejn is-Soċjeta kien wisq leali.
Kien ta' spiss jiġi l-Qrendi
Fuq xogħol politiku u legali.

Huwa kien bniedem Żebbuġi
Imzejjen bl-aqwa onesta'
Kien bniedem prominenti,
Unur kbir għas-Soċjeta.

Kien ukoll bniedem politiku
Midħla sew tad-distrett tagħna,
Illi huwa kien iħaddan
Il-politika Striklandjana.



Huwa beda l-kariga tiegħu
Fl-elf disa' mija u tletin
Din kienet ġiet mitmuma
Wara l'għaddew ħames snin.

Tlieta w erbgħin kienet is-sena
Minn Marzu wieħed u tletin
Dan il-wied ta' dmugħ kien ħalla
Fl-eta' ta' erbgħa u sittin.

Imbagħad kellna President ieħor
Li kien benefattur mill-kbar.
Dan kien bniedem mir-raħal,
Il-kuntrattur Mikiel Cassar.

Huwa kien bniedem ħabbrieki
Li kien hawn fost il-Qrendin
Kien wieħed mill-pijunieri
Li fetħu l-ewwel Każin.

Kien beda l-kariga tiegħu
Fis-sena sebgħa u tletin,
Illi fiha hu, kien għamel
Perjodu ta' ħames snin.

Warajh kellna s-seba' wieħed
Patrijott mir-raħal tagħna
Tista' tgħid li għomru kollu
Dan qattgħu l-Każin magħna.

Hu tassew ħadem minn qalbu
Bniedem veru akkanit
Li twieled, trabba u kiber,
Sabiex jaħdem għall-Partit.

Sa mill-bidu ta' ċkunitu
Hu ħadem bis-serjeta
Fis-sena tnejn u erbgħin inħater
Il-President tas-Soċjeta.



Festa 8 ta' Settembru 1947 Mro. M. Ciantar, President Dr. G. Cassar
u l-Kappillan Dun Elia Spiteri

Għaliex din hi wisq għal qalbu,
Fiha jaħseb verament
Illi huwa ŝa' llum għadu
Tagħha dan il-President.

Matul din il-ħatra tiegħu
Għamel sagrifiċċji kbar
Hu bniedem wisq popolari
L-Avukat Ġuzè Cassar.

Dan hu bniedem attiv ħafna
Ta' unur kbir ukoll għalina
Ħareġ jixbah lil-missieru
L'hu Guzeppi tal-Mazina.

Anki ommu wkoll bħalhom
Kellha l-fehma tagħhom stess
Illi din ukoll mill-Qrendi
Giovanna neè Magri taċ-Ċess.

Meta kien ta' eta żgħira
Kien għad għandu biss ftit snin,
Beda jdoqq ma' l-Orkestra Bellini
Li fil-Qrendi twaqqfet din.

Fl'elf disa' mija u tmienja w  erbgħin
Huwa kien ha l-istat tiegħu
Iżżewweġ lil Jane neè Pace
Biex ħajjitha tqattà miegħu.

Huwa wkoll bniedem politiku
Bravu ħafna w intelliġent
Li qattà kwazi nofs ħajtu
Jattendi l-Parlament.

Fost il-ħafna kariġi li kellu
Ministru tal-Ġustizzja kien
Anki Deputat Prim Ministru
Huwa dam għal ħafna żmien.





Festa 1947



Aħna tal-Partit ta' Lourdes
Lejh għal dejjem nibqgħu grati
Għaliex kien, għadu w jibqa'
Għas-Soċjeta hu sehmu jagħti.

Fl-elf disa' mija u tmienja u ħamsin
Il-Partit bih kien avvanza,
Għaliex hu kien strumentali
Sabiex ġiet il-Fratellanża.

Biex issir Festa Sekondarja
Il-President ħadem bil-kbir
Fl-elf disa' mija, tnejn u sittin
Din reġġet bdiet issir.

Anki wkoll huwa baqa'
Jirsisti hu wkoll mar
Fl-elf disa' mija u ħamsa u sebgħin
Biex tat-toroq żied l-armar.

Fl-elf disa' mija u tlieta u disgħin
Din il-biċċa kien ha sehem fiha
Sabiex kien sar il-ftehim
Mal-Każin Santa Marija.

Jalla l-Missier li hemm fis-sema
Il-għomor lilu jżid,
Biex bil-mutur tiegħu jibqa' jagħti
L-enerġija lill-Partit.

Kif diġa jien tagħrif tajtkom
Tas-Soċjeta msemmija.
Li kienet tieħu ħsieb il-festi
Ta' Lourdes u Santa Marija

Imma il-festa ta' Lourdes
Kienet issir b'mod superjuri,
Il-festa ta' Santa Marija
Kienet waħda nferjuri.

# FESTA NAZZJONALI

## FIL-QRENDI

Is-Soċjetà LOURDES tal-Qrendi sejra tiffestiġġa t-tifkira tal-Vittorja Nazzjonali **"1565 - 1943"** fil-ġranet tal-Gimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 15, 16 u 17 ta' Settembru, 1950 b'dan il-programm:-

Il-Gimgħa, 15 ta' Settembru, fis 7.00 p.m. mixgħela ġenerali, il-Banda Lourdes tal-Qrendi tgħamel Marċ brijuż bl-istatwa ta' Malta Rebbieħa mat-toroq ewlenin tal-Qrendi, u wara ddoqq programm mużikali. Fl-11.00 p.m. issir wirja ta' logħob tan-nar.

Is-Sibt, 16 ta' Settembru, fis-7.00 p.m., mixegħla ġenerali, Il-Banda San Giorġ M. ta' Ħal Qormi u San Gużepp ta' Ħal Għaxaq jagħmlu marċijiet brijużi mat-toroq tal-Qrendi u wara idoqqu programm mużikali. Fil-11 p.m., wirja kbira ta' logħob tan-nar mekkannizzat maħdum mid-dilettanti ta' l-istess Soċjetà "Lourdes" tal-Qrendi.

Il-Ħadd, 17 ta' Settembru, fid-9.00 a.m. il-Banda "Lourdes" tal-Qrendi ddoqq l-Ave Maria ta' Lourdes akkumpanjata mill-vuċijiet tat-tfal, u wara tagħmel marċ brijuż mat-toroq ewlenin tal-Qrendi. Fl-4.00 p.m. il-Banda San Gużepp ta' Ħal Għaxaq, Queen Victoria taz-Zurrieq u San Gorg ta' Bormla jagħmlu marci brijuzi mat-toroq tal-Qrendi u wara t-tliet Baned idoqqu Programm Mużikali fi trieq il-Parroċċa u fi Pjazza Santa Marija, ma ġemb l-istatwa ta' Malta Rebbieħa.

Fl-10.30 p.m. wirja ta' murtali u Kaxxi infernali.

Il-festa tintemm bl-Innu tal-Madonna ta' Lourdes l-Innu Malti u l-God Save The King.

---

Is-Sibt u l-Ħadd, 16 u 17 ta Settembru, lejliet u nhar il-festa sejjer ikun hemm ***Servizz Speċjali*** tal-Buses mill-Belt għall-Qrendi u lura mal-linja taz-Zurrieq.

IL-KUMITAT.

EMPIRE PRESS

Għalhekk xi uħud mis-Soċi
Ma qablux ma' din il-vija
Imbagħad huma kienu waqqfu
Is-Soċjeta Santa Marija.

Dik kienet sfortuna kbira
Illi ġiet fost il-Qrendin
Fl-elf disa' mija u tmienja
Inqasmu, ġew mifrudin.

Imma il-maġġoranza baqgħu
Ma ta' Lourdes imħaddnin.
Ilkoll dawn baqgħu tant sodi,
Bħal qaqoċċa magħqudin.

Il-każin tal-festa Lourdes
Kien allokat dak iż-żmien
Fejn il-mibki Karmenu ta' Bobu
Minfloku mar joqgħod kien.

Il-każin ta' Santa Marija
Triq San-Nikola kien allokat
Fejn mill-familja tas-safra
Illum dan huwa okkupat.

Għaliex daqsxejn ta' Triq dejqa
Hemmhekk kienet tikkonsisti
Għax il-pjazza Santa Marija
Ma kienetx għadha tezisti.

Sa dat-tant l-Orkestra Bellini
Damet topera għal ħafna snin,
Hija dejjem kienet tferrah
Lill-partitarji Qrendin.

Sa kemm din damet topera
Matul dawk iż-żmenijiet
Hija kellha varjazzjoni
Ta' ħames Surmastrijiet.



**Mro. Carmelo Zammit**
**1897 - 1905**



**Mro. Ferdinando Falzon**
**1920 - 1929**

Fl-elf disa' mija u ħamsa
Tagħha bdiet l-operazzjoni
Taħt is-Surmast Anthony Pace
Kellha l-ewwel direzzjoni.

Wara li das-Surmast telaq
Minn floku ġie wieħed ġdid
Li kien id-Direttur tagħha
Is-Surmast Carmelo Zammit.

Warajh kellna t-tielet wieħed
Din l-Orkestra jiddereġiha
Is-Surmast Alfons Kissaun
Imbagħad hu beda jmexxiha.

Imbagħad ġie r-raba' wieħed
Wara li Kissaun kien mar
Għaliex ġie ieħor minn floku
Is-Surmast Ġużè Cassar.

Dan is-Surmast l-Orkestra telaq
Ta' ieħor kien hemm il-bżonn
Imbagħad ġie il-ħames wieħed
Mro. Ferdinando Falzon.

Dawn il-ħames Diretturi
L-Orkestra tawha s-saħħa
Imma fi żmien il-gwerra
Waqqfet mill-funzjoni tagħha.

Imbagħad twaqqfet il-Banda Lourdes
Wara ta' l-Orkestra ġie t-tmiem
Kif jien issa sa nfissrilkom
U nurikom il-quddiem.

Is-sena tnejn w erbgħin kienet
Meta ġiet imwaqqfa din
Illi kienet l-ewwel Banda
Fir-raħal tagħna Qrendin.

# SOĊJETA' FILARMONIKA
# "LOURDES"
# QRENDI

## BALLATA TA' L-ISTORJA

TAS-SOĊJETA FILARMONIKA
"LOURDES"

QRENDI

**1895 - 1995**

versi: FRANCIS TABONE



**Ritratt ta' l-Istatwa tal-Madonna ta' Lourdes Datat 1878**

Jiena qbadt il-pinna f'idi
B'attenzjoni u qalb ħerqana
Sabiex biha tagħrif nagħti
Kif twieled il-każin tagħna.

Ċertu Dun Pietru Pawl Xuereb
Li ġo l-Isla twieled, dan
Flok Dun Ġużeppi Cilia
Tal-Qrendi sar Kappillan.

Kien bniedem ta' rieda tajba
Fir-raħal wera nteress
Wara li tal-Parroċċa tagħna
Huwa kien ħa l-pussess.

Huwa sar ir-ragħaj tal-Qrendi
Fl-elf tmien mija u disa' u sittin
U billi kellu qalbu tajba
Dan daħal f'qalb il-Qrendin.

Kellu mħabba kbira għall - Madonna
Illi f'Lourdes dehret din
Fejn dehret tmintax-il darba,
Fl-elf tmien mija u tmienja u ħamsin.

Huwa kien għamel kemm seta'
Tagħha jxerred devozzjoni
Tassew kien stinka u tħabat
B'imħabba u dedikazzjoni.

Iż-żerriegħa li hu żera'
Art għammiela sabet din
Sa kibret u saret siġra
Li tat Frott mill-aktar bnin.

Tal-ħidma fejjieda tiegħu
Minn kulħadd kellu tifħir
Speċjalment ġewwa il-Qrendi
Ġabet ġid mill aktar kbir.



Eċċ. Revs. Mons Isqof Carmelo Conti Scicluna li ikkonferma b'digriet it-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes fil-21 ta' Jannar 1878.

Wara ħdax il-sena fil-Qrendi
Ta' Lourdes waqqaf il-Fratellanza
Eżatti għoxrin sena wara
Li dehret f'Lourdes, fi Franża.

Mill-Isqof Carmelo Conti Scicluna
Id-diġriet tagħha kien sar
Fl-elf tmien mija u tmienja u sebgħin
Fil-wieħed u għoxrin ta' Jannar.

Għamel ukoll il-Kurunella
Li għadha sa dil-ġurnata
Illi mill-istess Isqof
B'diġriet ġiet ikkonfermata.

Sewwa Hu u kemm familtu
Kienu għamlu opri kbar,
Imħabba kellhom għal-Madonna
Li f'qalbhom tkebbes bhan-nar.

Kienu nies wisq ġenerużi
Li jieħdu tant interess
L-istatwa tal-Madonna Ta' Lourdes
Iffinanzjawha Huma stess.

Illi ġewwa ir-raħal tagħna
Hi kienet inġabet din
Maħduma mill-istatwarju,
Is-Sur Carlo Darmanin.

Għax għall- Madonna ta' Lourdes
Qalbhom bl-imħabba kellhom mimlija
Anki wkoll l-inkwatru għamlu
Li kien hemm fis-sagristija.

Irregalaw il-medalja
Tar-Rettur tal-Fratellanza
Li tintlibes fil-purċissjoni
Li sal-lum għadha użanza.



**Il-Wisq Rev. Kappillan Dun Pietro Paul Xuereb LLD., DD.**
**1869 - 1882**

Kif ukoll salib tal-fidda
Li fil-purċissjoni jmur
Anki wkoll sett gandlieri
Ta' fuq l-altar maġġur.

Standard u lasta tal-fidda
Li jistħoqqilhom kull tifħir,
Soppraporta u purtiera
Għal ta' fuq il-bieb il-kbir.

Sett karti glorja tal-fidda
U ħafna opri oħra sinjuri
Li tassew tal-Fratellanza
Kienu kbar benefatturi.

Dun Pietru Pawl mir-raħal telaq
Fl-elf tmien mija u tnejn u tmenin
Sar Arċipriet u Kunsillier tal-Mosta
Biex jaħdem fost il-Mostin.

Kien ix-xahar minn ta' Diċembru
Minnu kellna tnejn u għoxrin
Fl-elf tmien mija u erba' u disgħin
Infired minn mal-ħajjin.

Imma l-opri nobbli tiegħu
Jibqgħu ħajja, ma jmutu qatt,
Tal-ġid kbir li Huwa għamel
Jibqa' mnaqqax f'qalb kulħadd.

Aħna ċerti li l-Madonna
Żgur tagħtu l-għajnuna tagħha
U ninsabu lkoll persważi
Li l-Ġenna qiegħed Magħha.

Jien fuq, fuq, it-tagħrif tajtkom
Fuq dal-kbir benefattur
Li tal-Fratellanza ta' Lourdes
Tagħha kien il-fundatur.





**Il-Palazz Spiteri Agius fi Strada Rjali L-ewwel sede tal "Casino Lourdes"Fl-1895**

Issa xi tagħrif sa nagħti
Minn qalbi, bis-serjeta,
Fuq il-bidu ta' ġrajja l-oħra
Kif twaqqfet is-Soċjeta'.

Żewġ ġrajjiet hekk importanti
B'konnessjoni ma' xulxin
Kienu ta' fejda kbira
Għar-raħal tagħna, Qrendin.

Dak iż-żmien ġewwa l-Qrendi
Kienu jiġu ħafna sinjuri
Biex iqattgħu l-btala tagħhom,
Jiġu hawn bħal vilaġġaturi.

Kienu jħobbu l-kampanja
U dak kollu li hu qadim
Iħobbu l-affarijiet storiċi
Bħall-Imnajdra u Ħaġar Qim.

Imma dak iż-żmien fir-raħal
Ma kienx hawn fejn tgħaddi ż-żmien
Ma kienx hawn post idejali
Sabiex jiltaqgħu flimkien.

Għalhekk xi nies mir-raħal
Li kienu ħabrikin,
Dawna kienu ħolmu
Sabiex jiftħu xi każin.

Għalhekk huma l-pjan għamlu
Kif kienu lkoll flimkien
Krew il-Palazz ta' Spiteri Agius,
Fi Strada Rjali kien.

Fl-aħħar il-ħolma tagħhom
Kienet saret rejalta
Għax fetħu każin Soċjali
Biex jagħqqdu s-Soċjeta.



N° 3.

Seduta I.

Fil 10 ta Frar 1895.

F'din is-Seduta gieu presentó il Membri colla u ghadda chif seirin inghidu; Is-Sociu

tan N°-1 gié ammess bil voti colla - N°- 15.
2 " " 14 iva u 1 le.
3 " " colla - N° 15.
4 " " "
5 " " 12 iva u 3 le
6 " " colla - N° 15.
7 " " "
8 " " "
9 " " "
10 " " 11 iva u 4 le
11 " " colla N° 15
12 " " "
13 " " "
14 " " "
tan N° 15 gie ammess bil voti 13 iva u 2 le

u'l hamsa l'ohra colla gieu ammessi bil voti colla N° 15.

Il Comitat vasa li issir offerta mis-Soci scont ir-regolament ghal Bottegin ghas-Seduta tal 24 ta Frar; u ta' ordni lil Caxxier li jonfok xi spejjes necessarii.

Nicola Magri President.
Segretariu.

Avvis

Nhar il Hadd fis 17 ta Frar fil 5 ta fil ghaxia issir Comitat

Soci proposti ghal din is-Seduta.

Il-Ktieb tal-Minuti tal-"Casino Lourdes"

Dawn semmewh 'Casino Lourdes'
Illi għaqqad il-Qrendin
Għax in-nies tar-raħal kollha
Bih dawn kienu wisq kburin.

Fl-elf tmien mija ħamsa u disgħin
Dal-każin ġie nawgurat
Illi fih kienu jinġabru
Sew ħaddiema, kemm kbarat.

Dal-każin ingħoġob ħafna
Fih ħadu tant interess
U l-Arma tiegħu għażlu
Bħal tal-Belt ta' Lourdes stess.

Illi dina tikkonsisti
F'għamla ta' tliet torrijiet,
U quddiemhom veduta, sbejħa,
Magħmula minn seba' għoljiet.

Kien post ta' rikrejazzjoni
Li fih kulħadd beda jattendi
Għax kien l-ewwel każin Soċjali
Li nfetaħ ġewwa l-Qrendi.

Huwa beda b'għadd ta' Soċi
Ilaħħqu tmienja u ħamsin,
Soċjeta' tassew qawwija
Li tnisslet fostna l-Qrendin.

In-nies kollha tar-raħal tagħna
Kienu lkoll kburin biha,
Kienet tiegħu ħsieb il-festi
Ta' Lourdes u Santa Marija.

Għalhekk ir-raħal kollu
Bi ħġaru kien magħqud magħha,
U s-Sur Anton Fenech
Kien l-ewwel President tagħha.

Dana kien l-ewwel bniedem,
Tas-Soċjeta' s-sisien bena,
U dam jokkopa din il-kariga
Għall-perijodu ta' tnax-il sena.

Imbagħad kien laħaq floku
Nikola Magri taċ-Ċess
Illi s-Soċjeta' ta' Lourdes
Bih kienet għamlet progress.

Is-Sur Nikol twieled il-Qrendi
Kien imżejjen bl-aqwa onesta',
Kien wieħed mill-pilastri
Li waqqfu s-Soċjeta'.

Kien bniedem ta' paċenżja kbira
Fit-tagħlim Hu kien imdorri
Kien għalliem fl-iskola l-qadima
Li kien hemm fi Triq it-Torri.

Kien għalliem ukoll tal-mużika,
Arloġġar u piżatur,
L-ewwel Orkestra fil-Qrendi
Tagħha kien il-fundatur.

Kien jisimha " Orkestra Bellini"
Li Hu kien organizza sewwa
Kienet tiegħu ħsieb il-festi
Sew ta' barra, kemm ta' ġewwa.

Anki fil-Ġimgħa l-Kbira
Din kienet tiegħu sehem sew
Kif ukoll f'dik ta' Lourdes
Tal-Ħniena u San Mattew.

Meta kienet id-doqq fil-knisja
Hemm fil-kor fejn ikantaw,
Biex jitilgħu fil-gallerija
Is-sellum kienu jużaw.



Orkestra Bellini 1927

Fl-elf disa' mija u ħamsa
Fi żmien ta' Nikol il-Presidenza
Il-Każin ta' l-għaqda Lourdes
Kien biddel ir-residenza.

Hemmhekk twieldet l-Orkestra
Li fuqha tajtkom tagħrif jiena.
Fil-Każin fi Triq Irjali
Kantuniera ma' tal-Ħniena.

Nikol ukoll baqa' msemmi
Li għamel tant qlub ferħana
Għaliex hu bl-aċitalena
Kien dawwal il-każin tagħna.

Ħames snin dam f'din il-kariga
Li kellu ta' President
Għall-partit dan kompla jaħdem
Huwa sa l-aħħar mument.

Imbagħad Francesco Buhagiar
Bniedem bravu w edukat
Illi laħaq flok Nikola,
Kellu l-lawrja ta' avukat.

Huwa twieled ġewwa l-Qrendi
Bin familja mill-aħjar,
Kantuniera ma' Triq il-Ħniena
Hemm tagħhom kienet id-dar.

Kien it-tielet President ta' Lourdes
F'din il-kariga dam tmien snin
Mill-elf disa' mija u tlettax
Sa l-elf disa' mija u għoxrin.

Imbagħad kienu telqu r-raħal
U marru ġo Birkirkara
Imma l-Qrendi baqa' jħobbu
Ta' spiss hawn kien jagħmel żjara.





Festi Ċinkwantinarji tal-Fratellanza
1878 - 1928



Minn Birkirkara għall-Belt Valletta
Fis-Sette Ġunju kienu hemm,
Meta nqala' nkwiet ma' l-Ingliżi
U tal-Maltin xerrdu d-demm.

Huwa kien bniedem politiku,
Popolari kien wisq dan.
Mal-Partit, kien ikkontesta,
Nazzjonalista Panzavekkjan.

Darba waħda 'meeting' għamel
Ġol-pjazza tar-raħal tagħna
Ħafna nies miegħu nġabru
Bil-bnadar kollha ferħana.

Dr. Francesco Buhagiar
Kien kiseb l-akbar unur
U Ministru tal-Ġustizzja
Dak iż-żmien kien ġie maħtur.

Imbagħad wara x-xahar ta' Ottubru
Elf, disa' mija u tlieta u għoxrin
Huwa laħaq Prim Ministru,
Sar il-mexxej tal-Maltin.

Wara telaq il-politika
U mħallef imbagħad kien,
Imma fil-ħatra li kellu
Ma tantx fiha għamel żmien.

Għaliex huwa ħalla d-dinja
Fis-sena erbgħa u tletin
Meta ġiet il-mewt ħaditu
Fl-għomor ta' erbgħa u ħamsin.

Hu ta' l-akbar unur għalina,
Fl-istess ħin qalbna ferħana,
Għax ghad baqa r-ritratt tiegħu
Fis-Sala tal-każin tagħna,



Beatissimo Padre

Onor.

Salvatore Borg Olivier, Direttore del Circolo Cattolico Musicale sotto il titolo di N. S. di Lourdes costituito con il permesso dell'autorità Ecclesiastica in [illegible] umilmente prostrato ai piedi della Santità Vostra implora la Benedizione Apostolica per se e per tutti gli attuali membri componenti il Circolo.

[illegible]

+ Carolus [illegible]

[illegible]

Li lilu aħna nżommu
B'tant għozza w interess
Illi hemm imnizzel fuqu
Il-firma minn tiegħu stess.

Warajh kellna r-raba' wieħed
Li dil-kariga bil-qalb aċċetta,
In-Nutar Salvu Borg Olivier
Imwieled il-Belt Valletta.

Hu beda l-Presidenza tiegħu
Fis-sena tlieta u għoxrin,
Kien spiċċa minn din il-kariga
Fl-elf disa' mija u tletin.

Kien bniedem ta' rieda tajba,
Qalbu tajba u sinċier.
Iż-ziju ta' ex Prim Ministru:
Dottor Ġorg Borg Olivier.

Huwa qeda din il-kariga
B'għozza kbira u fedelta'
Ma kienx reġa' kkontesta'
Għaliex kien kiber fl-eta.

Warajh daħal Zammit Mackeon
Lejn is-Soċjeta kien wisq leali.
Kien ta' spiss jiġi l-Qrendi
Fuq xogħol politiku u legali.

Huwa kien bniedem Żebbuġi
Imzejjen bl-aqwa onesta'
Kien bniedem prominenti,
Unur kbir għas-Soċjeta.

Kien ukoll bniedem politiku
Midħla sew tad-distrett tagħna,
Illi huwa kien iħaddan
Il-politika Striklandjana.



Huwa beda l-kariga tiegħu
Fl-elf disa' mija u tletin
Din kienet ġiet mitmuma
Wara l'għaddew ħames snin.

Tlieta w erbgħin kienet is-sena
Minn Marzu wieħed u tletin
Dan il-wied ta' dmugħ kien ħalla
Fl-eta' ta' erbgħa u sittin.

Imbagħad kellna President ieħor
Li kien benefattur mill-kbar.
Dan kien bniedem mir-raħal,
Il-kuntrattur Mikiel Cassar.

Huwa kien bniedem ħabbrieki
Li kien hawn fost il-Qrendin
Kien wieħed mill-pijunieri
Li fetħu l-ewwel Każin.

Kien beda l-kariga tiegħu
Fis-sena sebgħa u tletin,
Illi fiha hu, kien għamel
Perjodu ta' ħames snin.

Warajh kellna s-seba' wieħed
Patrijott mir-raħal tagħna
Tista' tgħid li għomru kollu
Dan qattgħu l-Każin magħna.

Hu tassew ħadem minn qalbu
Bniedem veru akkanit
Li twieled, trabba u kiber,
Sabiex jaħdem għall-Partit.

Sa mill-bidu ta' ċkunitu
Hu ħadem bis-serjeta
Fis-sena tnejn u erbgħin inħater
Il-President tas-Soċjeta.



Festa 8 ta' Settembru 1947 Mro. M. Ciantar, President Dr. G. Cassar
u l-Kappillan Dun Elia Spiteri

Għaliex din hi wisq għal qalbu,
Fiha jaħseb verament
Illi huwa ṡa' llum għadu
Tagħha dan il-President.

Matul din il-ħatra tiegħu
Għamel sagrifiċċji kbar
Hu bniedem wisq popolari
L-Avukat Ġuzè Cassar.

Dan hu bniedem attiv ħafna
Ta' unur kbir ukoll għalina
Ħareġ jixbah lil-missieru
L'hu Guzeppi tal-Mazina.

Anki ommu wkoll bħalhom
Kellha l-fehma tagħhom stess
Illi din ukoll mill-Qrendi
Giovanna neè Magri taċ-Ċess.

Meta kien ta' eta żgħira
Kien għad għandu biss ftit snin,
Beda jdoqq ma' l-Orkestra Bellini
Li fil-Qrendi twaqqfet din.

Fl'elf disa' mija u tmienja w erbgħin
Huwa kien ha l-istat tiegħu
Iżżewweġ lil Jane neè Pace
Biex ħajjitha tqattà miegħu.

Huwa wkoll bniedem politiku
Bravu ħafna w intelliġent
Li qattà kwazi nofs ħajtu
Jattendi l-Parlament.

Fost il-ħafna kariġi li kellu
Ministru tal-Ġustizzja kien
Anki Deputat Prim Ministru
Huwa dam għal ħafna żmien.





Festa 1947



Aħna tal-Partit ta' Lourdes
Lejh għal dejjem nibqgħu grati
Għaliex kien, għadu w jibqa'
Għas-Soċjeta hu sehmu jagħti.

Fl-elf disa' mija u tmienja u ħamsin
Il-Partit bih kien avvanza,
Għaliex hu kien strumentali
Sabiex ġiet il-Fratellanża.

Biex issir Festa Sekondarja
Il-President ħadem bil-kbir
Fl-elf disa' mija, tnejn u sittin
Din reġġet bdiet issir.

Anki wkoll huwa baqa'
Jirsisti hu wkoll mar
Fl-elf disa' mija u ħamsa u sebgħin
Biex tat-toroq żied l-armar.

Fl-elf disa' mija u tlieta u disgħin
Din il-biċċa kien ha sehem fiha
Sabiex kien sar il-ftehim
Mal-Każin Santa Marija.

Jalla l-Missier li hemm fis-sema
Il-għomor lilu jżid,
Biex bil-mutur tiegħu jibqa' jagħti
L-enerġija lill-Partit.

Kif diġa jien tagħrif tajtkom
Tas-Soċjeta msemmija.
Li kienet tiegħu ħsieb il-festi
Ta' Lourdes u Santa Marija

Imma il-festa ta' Lourdes
Kienet issir b'mod superjuri,
Il-festa ta' Santa Marija
Kienet waħda nferjuri.

Għalhekk xi uħud mis-Soċi
Ma qablux ma' din il-vija
Imbagħad huma kienu waqqfu
Is-Soċjeta Santa Marija.

Dik kienet sfortuna kbira
Illi ġiet fost il-Qrendin
Fl-elf disa' mija u tmienja
Inqasmu, ġew mifrudin.

Imma il-maġġoranza baqgħu
Ma ta' Lourdes imħaddnin.
Ilkoll dawn baqgħu tant sodi,
Bħal qaqoċċa magħqudin.

Il-każin tal-festa Lourdes
Kien allokat dak iż-żmien
Fejn il-mibki Karmenu ta' Bobu
Minfloku mar joqgħod kien.

Il-każin ta' Santa Marija
Triq San-Nikola kien allokat
Fejn mill-familja tas-safra
Illum dan huwa okkupat.

Għaliex daqsxejn ta' Triq dejqa
Hemmhekk kienet tikkonsisti
Għax il-pjazza Santa Marija
Ma kienetx għadha tezisti.

Sa dat-tant l-Orkestra Bellini
Damet topera għal ħafna snin,
Hija dejjem kienet tferrah
Lill-partitarji Qrendin.

Sa kemm din damet topera
Matul dawk iż-żmenijiet
Hija kellha varjazzjoni
Ta' ħames Surmastrijiet.



**Mro. Carmelo Zammit**
**1897 - 1905**



**Mro. Ferdinando Falzon**
**1920 - 1929**

Fl-elf disa' mija u ħamsa
Tagħha bdiet l-operazzjoni
Taħt is-Surmast Anthony Pace
Kellha l-ewwel direzzjoni.

Wara li das-Surmast telaq
Minn floku ġie wieħed ġdid
Li kien id-Direttur tagħha
Is-Surmast Carmelo Zammit.

Warajh kellna t-tielet wieħed
Din l-Orkestra jiddereġiha
Is-Surmast Alfons Kissaun
Imbagħad hu beda jmexxiha.

Imbagħad ġie r-raba' wieħed
Wara li Kissaun kien mar
Għaliex ġie ieħor minn floku
Is-Surmast Ġużè Cassar.

Dan is-Surmast l-Orkestra telaq
Ta' ieħor kien hemm il-bżonn
Imbagħad ġie il-ħames wieħed
Mro. Ferdinando Falzon.

Dawn il-ħames Diretturi
L-Orkestra tawha s-saħħa
Imma fi żmien il-gwerra
Waqqfet mill-funzjoni tagħha.

Imbagħad twaqqfet il-Banda Lourdes
Wara ta' l-Orkestra ġie t-tmiem
Kif jien issa sa nfissrilkom
U nurikom il-quddiem.

Is-sena tnejn w erbgħin kienet
Meta ġiet imwaqqfa din
Illi kienet l-ewwel Banda
Fir-raħal tagħna Qrendin.



**L-Istatwarju Carlo Darmanin li għamel l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fl-1878**



**L-Istatwarju Carlo Darmanin li għamel l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fl-1878**

Imma issa l-Banda nħalluha
Nitilquha din għal ftit
Ħalli nkompli fuq il-ġrajja
Li minnha għadda l-Partit.

Fi żmien il-kappillan Micallef
Fis-sena tnejn u tletin,
Kien inqala nkwiet serju
Li l-partit ħabat ħażin.

Għaliex bradella ġdida
Il-partit kien ippropona
Meta għamlu rikors, il-kurja
Għaliha ħadd ma oġġezzjona.

Imma meta d-disinn tagħha
Imbagħad kien ipprezentat
Hemm inqala nkwiet serju
Għaliex ma ġiex aċċettat.

Għalhekk il-partit ta' Lourdes
Kien għamel l-akbar protesta
U ta' hekk kienet il-ħtija
Dam sentejn ma jagħmilx festa.

Wara dil-biċċa hekk serja
Aktar kien kiber l-inkwiet
Il-kurja ħadet deċizzjoni
U l-festa ssospendiet.

Fl-elf disa' mija u ħamsa u tletin
Il-biċċa aktar ġiet komplessa
Il-għaliex il-Fratellenza
Dina kienet ġiet soppressa.

Il-każin tal-partit ta' Lourdes
Kien fejn illum hemm ta' Santa Marija
U billi kien hemm xi kwistjoni
Ġie magħluq mil-pulizija.

# SEGRETARJI ĠENERALI



Dr. G. Cassar K.O.M., B.A. LL.D



Sur Francis Vella



Sur Pawlu Vella



Sur Giuseppe Cassar



Sur Angelo Farrugia



Sur John Aquilina



Sur R. Attard Barbara



Sur Francis Bugeja



Sur Tarcisio Vella

Imbagħad reġgħa nfetaħ
Wara ftit taż-żmien
Peress li dik is-sena
Inbidel l-isem tal-każin.

Għax hekk kienet il-proposta
Li l-kumitat kien aċċetta
U mill-isem ta' Lourdes
Dan kien ħa ta' Bernardetta.

B'dan l-isem ta' Bernardetta
Ma tantx huwa għamel żmien
Għaliex eżatt sena wara
Reġgħa ġie jismu kif kien.

Wara li xi żmien għadda
Din is-Soċjeta msemmija
Biddlet il-lokal tagħha
Għal Pjazza Santa Marija.

Wara ftit qabdet il-gwerra
Kas tal-festi ħadd ma kien jagħti,
Il-każini t-tnejn tar-raħal
Kienu ntlew bir-rifuġġjati.

Kif qabdet dbatti l-gwerra
U l-periklu naqas sew,
Il-kumitat beda jaħseb
Biex xi ħaġa għal ġid jibdew.

Speċjalment Karmenu Aquilina
Li kien bandist mit-tajbin,
Kien jiġi kull fil-għaxija
Hemm fis-sala tal-Każin.

Kien bniedem paċenzjus ħafna
Li jħobb il-paċi w il-kwiet
Kien jiġbor ħafna allievi
Itihom il-lezzjonijiet.





Partitarji jippreparaw għax-xalata l-għada tal-Festa
1950

Min kien jistudja għall-arfonju
Min għall-baxx, min klarinett,
U strumenti oħra varji
Kollox kien miexi perfett.

Karmenu baqa' dejjem jaħdem
Il-banda jagħqqad kien irid.
Ħalli jerġa jagħti l-ħajja
U jsaħħaħ il-partit.

L-allievi komplew jiżdiedu
Kollha jieħdu interess
Il-banda 'l quddiem bdiet ġejja
Din qabdet tagħmel progress.

Kien raġel edukat u serju
Fuq xogħlu kien wisq attent
Il-Banda Lourdes tal-Qrendi
Tagħha hu beda l-pedament.

Meta raw dan l-interess kollu
B'deċizjoni tal-kumitat,
Ġabu s-Surmast Mikiel Ciantar,
Bniedem bravu u dedikat.

Dan mill-ewwel beda jaħdem
F'kunċerti u lezzjonijet,
Taħt dan is-surmast ħabrieki
Il-banda l-quddiem ġiet.

Għalhekk il-Banda Lourdes
Saret l-għaxqa tal-Qrendin
Kienet waħda mill-aħjar baned
Fil-Gżejjer tagħna Maltin.

Is-sena ħamsa w erbgħin kienet
Sew fil-festa tal-Vitorja
Għamlet marċ fir-raħal tagħna
F'dan il-jum ta' l-akbar Glorja,



Il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila
kiteb il-versi ta' Innu tal-Banda fl-1942



Dun Frans Camilleri kiteb il-versi ta' l-Innu
lil-Madonna ta' Lourdes fl-1947

Għall-okkazjoni ta' l-armistizju
Tat-Tieni Gwerra Dinjija,
Illi kienet gwerra ħarxa
Li ġabet ħafna tbatija.

Is-Surmast Mikiel Ciantar
Kien tassew bniedem leali
Aktar kien jagħmel għad-delizzju
Milli għall-interessi personali.

Huwa ħadem b'ħiltu kollha
Tassew dan kien populari
Hu kiteb l-Innu tal-Banda
Fuq stil ta' marċ militari.

Li nkiteb b'reqqa kbira
Tassew b'versi professjonali
Mill- mibki Dun Karm Psaila,
Il-Poeta Nazzjonali.

Dan l-Innu tal-Banda Lourdes
B'għozza kbira hu mizmum
Għax huwa tassew tal-widna,
Għadu jindaqq sa' llum.

Dan is-surmast jibqa f'moħħna
Żgur nibqgħu niftakru fih
Saħansitra ġewwa l-Qrendi
Hemm Triq imsemmija għalih

Għalkemm twaqqfet din il-banda
U minn kollox kienet lesta
Il-Fratellanza kienet sospiza
Ma setgħetx issir il-festa.

Għalhekk il-partitarji kollha
Mill-akbar sa l-iżgħar membru,
Id-deċidew li jagħmlu festa
Ma kull tmienja ta' Settembru.



Delettanti tan-Nar 1948

Kienet tkun festa speċjali
Għax kienet waħda mill-kbar
Kienu jieħdu sehem xi tmien baned
U kwantita kbira ta' nar.

Marċijiet mat-toroq kollha
B'nies jiffollaw fuq xulxin,
Minn kull naħa ta' Malta jiġu
Ippakkjati bħas-sardin.

Kwantita kbira ta' murtali
Li telgħin ma tafx minn fejn
Kif ukoll eluf ta' sfafar
Li jtarrxu l-widnejn.

Nar ta' l-art tassew mill-aqwa
Li kulħadd kien jifraħ magħna
Xogħol bħal dak tassew artistiku
Qatt ma deher fin-naħiet tagħna.

Anki wkoll għal dawn l-inħawi
Dan il-bidu minna sar
Għax aħna l-ewwel li konna
Nagħmlu l-marċ ta' nofs in-nhar.

Anki ukoll sistema oħra
Minna din kienet użata
Għax aħna konna ta' l-ewwel,
L-għada nagħmlu x-xalata.

Sewwa l-marċ kemm ix-xalati
Qatt ma dehru f'dawn l-akwati
Imbagħad minna kienu tħajjru
Minn fuqna ġew ikkuppjati.

Dil-festa msejħa ta' l-arblu
Damet issir għal ħafna snin
Għaliex hija saret drawwa
Li daħlet f'qalb il-Qrendin.



Il-Wisq Rev. Kappillan Dun Nerik Mahoney
1950 - 1960

Għalkemm  kienet festa kbira
Li qed ngħid dawn kollha fatti
Iżda l-partitarji kienu
Mhux għal kollox sodisfatti.

Għax ix-xewqa tagħna kienet
Magħquda lkoll f'maġġoranza
Li aħna jerġa' jkollna
Ta' Lourdes il-Fratellanza.

Hekk kienet ix-xewqa tagħna
Minn qalbna bis-serjeta
Illi din il-ħolma tagħna
Terġa' ssir ir-realta.

Imma kienet ħaġa iebsa
Li din il-ħaġa nakkwistaw
Xejn ma kienet ħaġa faċli
Kif il-quddiem sejrin naraw.

Imma l-providenza riedet
Ir-rieda tal-Madonna ssir
Għaliex ġewwa r-raħal tagħna
Kien ġie benefattur kbir.

Il-mibki Dun Nerik Mahoney,
Qassis twajjeb u ħanin,
Illi ġie ġo dan ir-raħal
Fl-elf disa' mija u  tletin.

Is-sbatax ta' Frar kienu
Is-sena elf u disa' mija
Dun Nerik kien twieled Bormla
Anki hemm ha l-magħmudija.

Xi snin wara l-familja tiegħu,
Dawn kienu ddeċċidew
Li jmorru joqgħodu l-Isla,
Lil Bormla kienu ħallew.



Inzerta Dun Manwel Micallef
Li tal-Qrendi kien kappillan
Ma Dun Nerik Mahoney
Fl' Isla kien iltaqa' dan.

Dun Manwel kien mistieden l-Isla
Fl-elf disa' mija u tletin
Jippridka fuq l-ewwl dehra
Li f'Lourdes kienet saret din.

Dan il-Kappillan Micallef
F'Dun Nerik ħa nteress,
Kien qassis żagħżugħ u enerġiku,
Għalhekk mar kellmu hu stess.

Il-Kappillan Dun Manwel Micallef
Talbu biex miegħu jattendi
Saħansitra hu kien ħajjru
Biex jiġi joqgħod il-Qrendi.

Dik il-ħabta ġewwa l-Qrendi
Minn barra il-Kappillan
Kien hemm biss Dun Santu Agius
Illi kien qassis anzjan.

Ma kienx faċli għal Dun Mahoney
Li jħalli l-ħajja ta' l-ibliet
U jiġi hawn, fil-kampanja,
ġewwa raħal żgħir u kwiet.

Sewwa hu u kemm familtu
Fl-aħħar kienu ddeċidew
Li jħallu l-Isla għal dejjem
Ġewwa r-raħal kienu ġew.

Triq iż-Żurrieq marru joqgħodu
Wara l-knisja tas-Salvatur
B'dal qassis ġdid ġewwa l-Qrendi
Għar-raħal kien kbir unur.





Dun Nerik kien qassis dħuli
Il-Qrendin dan drawh
U billi kellu qalbu tajba
Kienu wisq jirrispettawh.

Dun Nerik ukoll kien dara
Joqgħod f'dan ir-raħal magħna
Imbagħad huwa kien inħatar
Il-Viċi Parrokku tagħna.

Fl-appostolat parrokku tiegħu
Grupp ta' tfal kien ghaqqad dan
Fi żmien Dun Manwel Micallef
Li tal-Qrendi kien Kappillan.

Dan kien grupp wisq popolari
Fir-raħal taghna Qrendin,
Illi kienu minn dar-raħal
Benjamini msejħin.

Din l-għaqda ta' Benjamini
Dun Nerik waqqafha hu,
Jilbsu blaws u velu abjad
U dbielet ta' kulur blu.

Waħda minn dawk l-uffiċjali
Li tieħu sehem f'dawn il-laqgħat
Kienet iżżomm banner ċelesti
Li bid-deheb kien irrakkmat.

Huma jipparteċipaw kienu
Dawn għal waqt il-purċissjoni
Kif ukoll sehem kienu jieħdu
Għal tar-raħal f'kull funzjoni.

Anki wkoll fi rħula oħra
Is-servizz dawn taghhom taw
Kif ukoll fil-Belt Valletta
Dawn kienu ffunzjonaw.



**Mons Arċisqof Michael Gonzi li fi żmienu reġgħet twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna ta' Lourdes fl-1958**

Imbaghad Dun Elija Spiteri
Kappillan tar-raħal sar
Għaliex Dun Manwel Micallef
Sar Arċipriet tan-Naxxar.

Minn Dun Elija Spiteri
Imbagħad ġejna mmexxijin,
Kien ħa l-pussess tar-raħal
Fis-sena sebgħa u tletin.

Dun Nerik baqa Viċi Parrokku
L-istess bħal ma qabel kien,
Illi Huwa f'din il-kariga
Ġewwa r-raħal għamel żmien.

Madwar ħmistax il-sena
Dun Elija dam Kappillan,
Il-mewt lil ħadd ma taħfirha
Lanqas ħafritha lil dan.

Għalhekk Dun Nerik Mahoney
Li fir-raħal tant ħa nteress,
Minn flok Dun Elija Spiteri
Tal-Parroċċa ħa l-pussess.

Huwa kien ħa din il-kariga
Fl-elf disa' mija u ħamsin
Iżda ġiet il-mewt ħaditu
Fl-elf disa' mija u sittin.

Dan kien għadu żgħir fil-għomor
Kellu biss dan sittin sena
Iżda kemm dam il-kap tagħna
Sisien sodi hu kien bena

Kien bniedem rispettabbli
Xempju ta' l-onesta'
L'għamel ħafna ġid ġol-Qrendi
Kien bniedem ta' karita.





Il-Ħadd 13 ta' Lulju 1958 il-Fratellanza reġgħet twaqqfet wara  sospensjoni ta' 23 sena.

Huwa għamel ħafna opri
Għall-ġid taghna l-Qrendin,
Għamel l-irħam kollu tal-knisja
Fis-sena ħamsa u ħamsin.

Irranġa ċ-ċimiterju
Biex hemm jindifnu l-mejtin,
Għax qabel fil-knisja parroċċa
Kien għadu jsir id-dfin.

Għaqqad l-Azzjoni Kattolika
Bil-ħila tiegħu din bdiet,
Anki wkoll hu kien waqqaf
Dik il-fergħa tax-xebbiet.

Għal dik l-għaqda Możewmina
Hu kien għamel ħafna ġid
Hu kien bierek l-ewwel ġebla
Taċ-Ċentru li nbena ġdid.

Dejjem ħadem, dejjem stinka,
Mid-dmir tiegħu qatt ma falla,
Hu kellu għal qalbu x-Xirka
Ta' l-Isem Mqaddes t'Alla.

Bil-qalb ta' Ġesù u Marija
Ikkunsagra Hu kull dar,
F'qalbu wkoll kellu t-tqarbina
Ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar.

Il-Kappillan Nerik Mahoney
Dan kien bniedem mill-aħjar
Kien ħabib tal-President tagħna,
L-Avukat Ġużè Cassar.

Il-Kumitat rikors ipprepara
Wara ġie pprezentat.
L-Arċisqof kien iebes ħafna
Minnu ma ġiex aċċettat.



**Il-Wisq Rev. Kappillan Dun Salv Fenech**
**1960 - 1970**

Inżerta Karmnu Aquilina
F'kamra dan iqalleb mar
Li ġo fiha sab inkwatru
Fejn kienu jaghmlu l-armar.

Dana l-inkwatru kellu
Fuqu kitba bil-latin
Miktuba mil-Kappillan Xuereb
Illi kienet tfisser din,

Li l-Fratellanza ta' Lourdes
Assoċjata ma' l-Arċikonfraternita
Tas-Sinjura ta' Lourdes f'Ruma
Prima Primarja ma' l-Arċisolidalita.

Għalhekk il-President tagħna
Din ħadha bis-serjeta
Kiteb barra ħa jara l-privileġġi
Ta' din l-Arcikonfraternita.

Huwa rċieva r-risposta
Li dal kliem fuqha kien fiha
Li l-Arċikonfraternita tfisser
Li l-Papa biss jista jneħħiha.

Il-President ta' l-Għaqda tagħna,
Illi hu Dottor Cassar,
Ħa d-dokumenti mieghu
Għand l-Arċisqof bihom mar.

Malli ra dawn id-dokumenti
Ftit raġun tah dak il-ħin
Kien qrib iċ-ċentinarju ta' Lourdes
Fis-sena tmienja u ħamsin.

Imbagħad l-Arċisqof kien prudenti
Uża xi ftit tolleranza
Qallu qiegħed nikkonsidra
Nistabilixxi l-Fratellanza.





Qallu imma b'kundizzjoni
Li inthom tridu tobduha
Il-festa tat-tmienja ta' Settembru
Ma tibqgħux aktar tagħmluha.

Il-President ikkontenta
B'dil-kondizzjoni li ngħata,
Għalhekk din il-proposta
Minnu kienet aċċettata.

L-Arċisqof kien żamm kellmtu
Għax fil-fatt li wiegħed sar
Skond kif huwa ta' l-kelma
Lil Dr. Ġużè Cassar.

Il-Fratellanza ta' Lourdes
Mill-ġdid ġiet imwaqqfa din
Fis-sena taċ-Ċentinarju,
Elf disa' mija tmienja u ħamsin.

Tlettax kellna minn Lulju
Il-Ħadd kienet il-ġurnata,
Fiha saret il-purċissjoni
Tal-Verġni Immakulata.

Wara tlieta u għoxrin sena
Il-festa reġgħet bdiet issir.
Għalkemm bla sparar u baned
Fir-raħal kien hemm ferh kbir.

Għad li huma kienu ferħu
Qalbhom ingħafset fl-istess ħin
Għax kienet festa ordinarja
M'hix sekondarja kienet din.

Imma l-Madonna ħasbet fina
Ma domniex f'dal-konsegwenzi
Għax eżatt erba' snin wara
Inbiddlu ċ-ċirkustanzi.





Għax dik il-ħabta fil-Qrendi
Għalliem ġie fl-iskola tagħna
Kien qassis żagħżugħ ħabbrieki
Dun Salv Fenech mill-Furjana.

Dejjem daħkan, dejjem jiċċajta,
Ma' kulħadd kien jimxi sewwa
In-nies tar-raħal kollha draħom
Sar qisu wieħed ta' ġewwa.

Inżerta Dun Nerik Mahoney,
Alla jaħfirlu ħalliena
Għax il-mewt hija kattiva
Għal ħadd din m'għandha ħniena.

Kemm dam Dun Salv għalliem ir-raħal
Kulħadd inġibed għal warajh
Tista' tgħid li n-nies kollha
Dan sar jafhom fuq subajgħ.

Kien providament mill-Madonna
Li bagħtet bniedem bħal dan,
Illi tal-Parroċċa tagħna
Kellu jkun il-Kappillan.

Kien bniedem ta' qalbu tajba,
Ma' kulħadd jimxi l-istess
Fl-elf disa' mija u sittin
Tal-Parroċċa ħa l-pussess.

Mill-ewwel hu beda jħabrek
Ha jara l-affarijiet
Beda jifli ħaġa, ħaġa
Biex jara l-bżonnijiet.

Kemm dam hawn ġo dan ir-raħal
Huwa kien għamel ħbieb kbar
Speċjalment ma Gustu Magro
U l-avukat Ġużè Cassar.





Sa dat-tant il-President taghna
Għand l-Arċisqof baqa' jmur
Għax f'moħħu kellu l-festa
Għalhekk lilu kien iżur.

Sabiex terġa' tieħu l-ħajja
Ma tibqax hekk ordinarja
Tiġi bħal ma kienet qabel,
Issir waħda sekondarja.

Fl-aħħar waslet it-tweġiba
Illi kienet pożittiva
L-Arċisqof kien ikkuntenta,
Din id-darba kien qal iva.

Il-Kappillan Dun Salv Fenech
Qabel ma' din id-deċizjoni
Biex terġa' ssir il-festa
Ma sab l-ebda oġġezzjoni.

Għalhekk wara daż-żmien kollu
Is-setiljat din l-affari,
Bdiet issir il-festa ta' barra
Bħal ma kienet issir dari.

Tlieta eżatt kellna minn Ġunju
Fis-sena tnejn u sittin
Kienet saret l-ewwel festa
Bil-baned u t-tizjin.

Tistgħu lkoll inthom taħsbu
X'ferħ kien hawn fir-raħal tagħna
Meta saret din il-festa
Kemm uċuh għamlet ferħana.

Il-Kappillan Dun Salv Fenech
Għaxar snin kien għamel magħna
Għax Arċipriet imbagħad laħaq
Ta' pajjizu l-Furjana.



Dana għadu ħaj u b'saħtu
Fuq tiegħu u dejjem żvelt
Monsinjur dan issa qiegħed
Fil-kon-katidral San Ġwann il-Belt.

J'Alla l-Ħallieq li jista' kollox
Għomor twil lilu jagħtih
U minn kwalunkwe periklu
Lilu dan jipproteġih.

Aħna l-Qrendin ta' rieda tajba
Pjaċir nieħdu x'ħin narawh
Żgur ma nsibux kliem biżżejjed
Biex lilu nirringrazzjawh.

Dun Karm Attard kien ġie floku
Kappillan umli u leali
Li dan tas-Soċjeta tagħna
Hu Direttur Spiritwali.

Spiritwalment Hu jiehu ħsibna
Aħna ilkoll nirrispettawh
U ta' dak li jagħmel magħna
Minn qalbna nirringrazzjawh.

Hekk kif ġie ġo dan ir-raħal
Għax-xogħol Huwa għonqu medd
Għaliex Hu bniedem ħawtieli
Minn hekk dan xejn ma jinkedd

Hu mill-ewwel beda jirsisti
Biex il-Knisja jtiha s-sura
Hu għamilha qisha Ġenna
Għaliex ksija bil-pittura.

Kemm ilu l-Mexxej tagħna
Fil-Knisja għamel xogħol kbir
Kull min iżur it-Tempju tagħna
Żgur jagħtih l-akbar tifħir.



**Il-Wisq Rev. Kappilan Dun Karm Attard B. A. Lic. D**
**1970 -**

Aħna l-Qrendin nifirħulu
Għal daż-żmien li għamel magħna
Għaliex ilu kwart ta' seklu
Il-Kappillan tar-Raħal tagħna.

J'Alla l-Ħallieq li jista' kollox
Iżomm fuqu jdejh miftuħin
Ħalli għall-bosta snin oħra
Jibqa' hawn fost il-Qrendin.

Sena waħda wara l-oħra
It-Tiżjin fil-festa nżidu
Għax issa fit-toroq tagħna
Għandna dritt nagħmlu li rridu.

Għax sitt każini sekondarji
Kumitat kienu ffurmaw
Ħalli t-toroq kollha
Ikunu jistgħu jarmaw.

Illi dawna ikoll f'daqqa
Ħelsu mill-akbar intopp,
Tal-Ġilju ta' l-Imqabba
U ta' San Ġużepp ta' Ħal Kirkop.

Il-Każin tagħna ta' Lourdes
Kif kulħadd hekk kien jixtieq,
Kif ukoll il-Każin tal-Karmnu,
Queen Victoria taż-Żurrieq.

Ta' San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq
Ukoll gawda dal-Każin
Anki wkoll magħna kollha,
De Rohan taż-Żebbuġin.

Kienet bl-inizjattiva tal-Każin tagħna
Li dan il-Kumitat ġie iffurmat
B'Ġużeppi Magro u Ġużeppi Bugeja
Imexxu huma l-laqgħat.





Il-Kumitat ħadem u stinka
Kienu saru ħafna laqgħat,
U bl-għajnuna tal-President Cassar
Fl-aħħar kollox ġie rranġat.

Il-Gvern aċċetta dil-proposta
Għax ħass li hi adekwata
Din it-talba ġiet milquha
Minnu kienet aċċettata.

Is-sena ħamsa w sebgħin kienet
Meta dan il-ftehim sar
Kienet taħt il-Presidenza
Ta' l-Avukat Ġużè Cassar.

Din l-aħbar malajr inxterdet
Nofs Malta għamlet ferħana
Iżda l-ewwel li bbenefika
Kien propju l-partit tagħna.

Dr. Cassar kien għal dal-festi
Biex ma jibqgħux hekk ordinarji
L-Arċisqof Gonzi kien isejjaħlu
L-Avukat tal-festi sekondarji.

Is-Soċjeta kompliet tissaħħah,
Tagħha issa huwa l-każin
Għaliex hija kienet xtratu
Fis-sena tnejn u tmenin.

Anki wkoll kompliet tkabbar
Għax wara kienet xtrat id-dar
Fejn kienet ir-residenza
Ta' l-Avukat Ġużè Cassar.

Każin fil-qalba tar-raħal
Illi hu wieħed mill-kbar
Kif ukoll hija għandha
Il-post fejn jaħdmu n-nar.





Anki wkoll għandha l-banda
Kif diġa kont semmejt jien
Għalkemm twieldet żmien ilu
Għadha miexja sa daż-żmien.

Mikiel Ciantar, Surmast Zebbuġi,
Li dil-banda hu kien bdieha
U issa Zebbuġi ieħor
Illi qiegħed ikompliha.

Kif għidtilkom fi żmien Ciantar
Illi kienet fl-aqwa tagħha
Imma bi sfortuna kbira
Qabdet tmur lura mis-saħħa.

Għaliex ħafna mill-bandisti
Minn Malta kienu salpaw
Għall-Kanada u l-Awstralja
Dawn kollha kienu emigraw.

Wara li Ciantar ħalliena
Imbagħad ġie Carmelo Scicluna
Li bih il-banda Lourdes
Kienet sabet ħafna għajnuna.

Das-surmast jibqa' mfakkar
Għaliex qasam il-ferh magħna
Għax idderieġa l-banda Lourdes
Fl-aqwa avvenimenti tagħna.

Għaliex kien ħa sehem fil-festa
Li kien ilha ma ssir din
Illi kienet reġgħet saret
Fis-sena tnejn u sittin

Is-Surmast Carmelo Scicluna
Il-banda tagħna ħalliha
Wara xi ħmistax-il sena
Li kien ilu imexxiha.



**Il-Bandisti taż-żewġ Baned ewlenien il-Banda Lourdes u l-Banda Sta. Marija jdoqqu fil-Palazz tal-Gwarena F'Awissu 1986**



Is-Surmast Nazzareno Mifsud
Minn floku kellna imbagħad,
Surmast attent u bravu
Bid-diplomi llawrjat.

Surmast ta' l-affari tiegħu
Li lil banda tant għamel ġid,
Huwa dam għoxrin sena
Imexxi l-banda tal-partit.

Huwa dejjem jibqa' mfakkar
Meta kkompona l-Innu tal-Qrendin,
Versi tas-Sur Pawl Zammit
Fl-elf disa' mija, tmienja u sittin.

Warajh kellna surmast ieħor
Illi għandna fil-preżent
Dan xejn inqas minn ta' qablu
Bħalhom bravu w intelliġent.

Dan huwa bniedem Żebbuġi,
Is-Surmast Charles Cachia,
Fil-prezent il-banda Lourdes
Huwa qiegħed imexxiha.

Dak il-briju melodjuz tagħha
Żgur li jferrah lil kulħadd
Din il-banda kienet twieldet
Sabiex Hija ma tmut qatt.

Minn fost il-Banda Lourdes
Ħarġet bandista speċjali
Għax saret professjonista
Flawtista nternazzjonali.

Lawra Falzon l-isem tagħha
Għal mużika intefgħet din
Hija bdiet ta' eta żgħira
Kien għad għandha disa' snin.



**Bandisti ġodda mas-Surmast Nazzareno Mifsud FLCM 1974**



**Bandisti ġodda mas-Surmast Charles Cachia u l-Assistent Surmast Laura Falzon - 1985**

Fil-mużika qabdet tavvanza
Fuq hekk moħħa kien mixħut
Illi bdiet l-istudju tagħha
Taħt is-Surmast Nazzareno Mifsud.

Tifla brava w intelliġenti
F'kull kunċert kienet tattendi
Fis-sena erbgħa u sebgħin ħarġet
Iddoqq mal-Banda tal-Qrendi.

Fl-iskola Johann Straus tal-Mużika
Bdiet tistudja hemm kemm tista
Taħt is-Surmast Joseph Corrado
Illi dan huwa flawtista.

Anki wkoll f'din l'iskola
Bdiet tistudja t-Teorija
Anki l-istorja tal-Mużika
Kif ukoll ta' l-Armonija.

Il-quddiem hi kompliet ġejja
Fil-gradi kompliet togħla
Kienet tifforma parti mil-Orkestra
U l-Banda ta' l-iskola.

Ma l-Orkestra tat-Teatro Manoel
Illum Hi professjonista
Dina Hija sew magħrufa
Għax tal-flawt Hija Solista.

Is-Surmast Abela kiteb
Xogħolijiet apposta għaliha
U anki barra minn Malta
Hi magħrufa w imsemmija.

Għax anki barra minn xtutna
Hija ħarġet iddoqq din,
Daqqet f'diversi pajjiżi
Sew tal-qrib kemm imbegħdin.



**Kumitat Festi Ċentinarji tal-Fratellanza**
**1878 - 1978**



Surmast Onorarju
Mro. Emmanuel Bugeja
1994 -

Is-sena sebgħa u tmenin kienet
Fl-Orkestra Manoel bdiet tattendi
Anki Assistent Surmast kienet
Tal-Banda Lourdes tal-Qrendi.

Aħna l-Membri u partitarji
Nixtiequlha kull progress
U tkompli t-triq li qabdet
Biex tagħmel aktar suċċess.

Jien fuq, fuq it-tagħrif tajtkom
Tas-Solista Lawra Falzon
Li għamlet ġieh lir-raħal tagħna
Anki wkoll taghna n-Nazzjon.

Għalhekk issa din il-Flawtista
Jiena sejjer inħalliha
Għax li kelli nikteb fuqha
Nagħmel l-itwal poeżija.

Kull Soċjeta bħal kull ħaġa oħra,
Fiha l-ikrah u s-sabih
Għax hekk maħluqa d-dinja
Dan ħadd ma jista' jmerih.

Għax id-dinja hija rota
Daqqa tifrah, oħra tgorr
Bħal ma jgħidilna l-proverbju
Li kull ħelu fih il-morr.

Tnejn u disgħin kienet is-sena
Minn Mejju sebgħa u għoxrin
Irċivejna aħbar ħażina
Li xxokkjat il-każin.

Din aħna qatt ma bsarnija
Illi fostna ġie l-inkwiet,
Nota rċivejna aħbar kerha
Charles St. George ħesrem kien miet.









Kważi lanqas ridna nemmnu
Kulħadd kien qisu skantat
Kull min din l-aħbar sema'
Tbellah u baqa' ċċassat.

Hu kien bniedem tassew twajjeb
Kien kbir benefattur
Illi bil-prezenza tiegħu
Lilna kien jagħmel unur.

Charles St. George kwazi kull sena
Kien igawdi l-festa magħna,
Kien President Onorarju
Tas-Soċjeta maħbuba tagħna.

Aħna anki wara mewtu
Dal-bniedem ftakarna fih
Il-bust tiegħu aħna għamilna
Fis-sala msemmija għalih.

Biex għal dejjem jibqa' tifkira
Bl' aqwa unuri u l-akbar ġieh,
Ħalli s-Soċjeta ta' Lourdes
Dal-bniedem qatt ma tinsieh.

Minn xena ta' nkwiet u niket
Qlibna għal waħda ferrehija
Għax il-kariga li Charles battal
Minn ibnu stess ġiet mimlija.

Aħna ċerti li bħal missieru
Huwa twajjeb u ħanin
Għaliex siġra li tkun tajba
Qatt ma tagħmel frott ħażin.

James inħatar flok missieru
It-Tnejn ħaqqhom l-akbar ġieh
U qabilhom kellna ieħor
Li l-Partit qatt ma jinsieh.

# PRESIDENTI ONORARJI



Sur Charles A.B. St. George
1984 - 1992



Imhallef Dr. Joseph Flores
B.L. Con., LL.D.
1947 - 1974



Sur James C.B. St. George
1993 -



Sur Giovanni Azzopardi
1993 -



Sur Louis Carabott
1995 -

Dan kien Dr. Joseph Flores
Li magħruf sewwa dan kien
Avukat l-aktar brillanti
Li f'Malta kellna dak iż-żmien.

Fil-Każin tagħna ta' Lourdes
Spiss Huwa kien ikun magħna
Kien l-ewwel President Onorarju
Tas-Soċjeta għażiża tagħna.

Dan l-Unur lilu kien mgħoti
Fl-elf disgħa mija u sebgħa w erbgħin
Li kien spiċċa minn dil-ħatra
Fl'elf disgħa mija w erbgħa u sebgħin.

Kien bniedem wisq popolari
Li lilna kien jagħmel unur
Kien ukoll Membru Parlamentari
U wara Mħallef ġie maħtur.

F'dis-sena taċ-Ċentinarju
Waqt Seduta tal-partit
Ġie deċiz li aħna jkollna
President Onorarju Ġdid.

Dan hu s-Sur Louis Carabott
Li għoġbu jingħaqad magħna
Hu wieħed mil-Presidenti Onorarji
Illi hemm fil-Partit tagħna.

Huwa bniedem eżemplari
Anki wkoll benefettur
Li lis-Soċjeta tagħna
Huwa qed jagħmel unur.

Kull suċċess aħna nixtiequlu
Il-partitarji tagħna Qrendin
L-istess bħal Kollegi tiegħu
Bih ilkoll aħna kburin.





Il-Presidenti Dr. G Cassar, in-Nobbli Dama Cecilia Pick, is-Sinjura Jane Cassar u l-President Onorarju is-Sur Charles St. George Festa
1985

J'Alla jibqa' ħieni u b'saħħtu
Hekk minn qalbna nixtiequh
Sabiex Huwa jibqa' magħna
Biex kull ġieh nibqgħu naghtuh.

Sa nħalli dawn il-Personaġġi
Li lis-Soċjeta żammu Onorata
Biex inkompli din l-istorja
Li hi tant ikkomplikata.

Dik is-sena li Charles ħalliena
Ħalla ġrajja duluruza
Imma fl-istess sena kellna oħra
Trijunfali u Glorjuza.

F'lejla sabiha ta' Ġunju
U disgħa kellna mix-xahar
Fakkarna l-ħamsin anniversarju
Tal-President Dr. Cassar.

Tassew kienet festa speċjali,
Fil-Pjazza ħdejn il-każin
Anki wkoll nies distinti
Kien hemm fost il-mistiednin.

Fl-aħħar Huwa kelmtejn għamel
Bihom għalaq dan l-avveniment
Imbagħad kulħadd il-każin daħal
Fejn kien hemm riċeviment.

Nofs seklu kariga twila
Li fiha tant għamel ġid,
Li għamel l-isforzi tiegħu
Biex isaħħah il-partit.

Waqt li fil-każin kien qiegħed
In-nies qabdet toqrob lejh
Sabiex huma jifirħulu
Kulħadd jeħodlu b'idejh.





Bandisti ġodda mas-Surmast Charles Cachia
u l-Assistent Surmast John Zammit

Aħna l-partitarji kollha
Nixtiqulu saħħa u ġid,
Għaliex huwa l-pilastru
Li fuqu jserrah il-partit.

Nixtiqulu għomor itwal
Minn qalbna sinċerament,
Ħalli għal bosta snin oħra
Tagħna jibqa' President.

Għalhekk aħna l-partitarji
Bir-raġun nirrispettawh,
Ta' dak kollu li għamel magħna
Minn qalbna nirringrazzjawh.

Minn qiegħ qalbna nifirħulu
Nixtieqlu l-akbar ġid
F'dan l-għeluq tal-mitt sena
Li ilu wieqaf il-partit.

Kull bniedem ta' rieda tajba
Ġieh u qima għandu jagħtih
Tax-xogħol siewi li hu għamel
Għandu jkun kburi bih.

Għalhekk illum f'din il-ġurnata
Rispett kbir għandna nuruh
Ta' dak kollu li Hu għamel
Qatt ma nixbgħu nfaħħruh.

Din is-sena s-Soċjeta tagħna
Illi qlubna qegħdin magħha
Sa tfakkar iċ-ċentinarju
Tat-Twelid Glorjuż minn tagħha.

Fl-elf tmin mija u ħamsa u disgħin
F'dik is-sena twieldet din,
Dak in-nhar ġewwa l-Qrendi
Infetaħ l-ewwel Każin.





Dak il-Każin hekk bikri
Mill-Partit tagħna ġie miftuħ
Għalkemm għaddew mitt sena
Dan xorta għadu żagħżugħ.

Il-partit tul daż-żmien kollu
Għadda minn ħafna taqlib,
Imma mogħdija t-tajba
Irnexxielu huwa jsib.

Għax kellu Kaptani sodi
Dejjem dawn rebħu kull lotta
Huma kellhom boxxla tajba,
Għax dejjem sabuha r-rotta.

Jekk xi darba maltemp sabu
Dan ma kienx tagħhom it-tort
Huma baqgħu dejjem jaqdfu
Sa kemm dawn waslu fil-port.

Qabel ma ntemm din l-istorja
Jien ukoll nsemmi rrid
Is-Segretarji kollha
Illi kellna fil-Partit.

Is-Sur Ġużeppi Psaila
L-ewwel wieħed mill-Qrendin,
Illi kien is-Segretarju
Meta nfetaħ l-ewwel każin.

Imbagħad kellna t-tieni wieħed
F'dil-kariga Hu kien ġie fdat
Kien bniedem minn dar-raħal
Is-sur Emanwel Muscat.

Warajh kellna t-tielet wieħed
Skond l-istorja kif minsuġa,
Li kien wieħed rispettabbli
Is-Sur Francesco Farrugia.





**L-ewwel Kummissjoni Nisa fl-1985**

Imbagħad Agius Giużeppi
Wara Farrugia kien sar,
Għall Partit kien ħalla ħajtu
B'disgrazzja tal-logħob tan-nar.

Wara dan imbagħad kellna
Patrijott tassew mill kbar,
Missier il-President tagħna
L-Avukat Ġużè Cassar.

Ġużeppi wkoll kien jismu
Lis-Soċjeta tant għamel ġid
Kwazi dam kwart ta' seklu
Segretarju tal-Partit.

Dan kien bniedem attiv ħafna
Li jirsisti dan f'kull ħin,
Ħadd ma jagħddih minn għajn il-labra
Kien "Factotum" tal-Każin.

Warajh daħal Francesco Vella
Iħabrek bla qatt ma għeja
Warajh kellna Patrijott ieħor,
Is-Sur Francesco Bugeja.

Imbagħad kellna t-tmien wieħed
Pawlu Vella tax-Xelin
Għall-Partit kien wisq jirsisti
Kien wieħed mill-ħabrikin.

Imbagħad sar Anġlu Farrugia
B'qalb ħerqana kollu ħrara,
Warajh kellna ħabrieki ieħor,
Is-Sur Reno Attard Barbara.

Dawna kollha ħoloq kienu
Minsuġin fl-istess katina
Li warajhom kellha ieħor,
Is-Sinjur John Aquilina.





Il-Banda "Lourdes" iddoqq Marċi Funebri waqt il-Funeral tal-President Onorarju is-Sur Charles, St George fis-17 ta' Awissu 1992

Issa għandna bniedem ieħor
Għall-Partit qalbu tirvella,
Li dan Huwa attiv ħafna
is-Sinjur Tarcisju Vella.

Dan tassew jaħdem minn qalbu,
Bniedem bravu w intelliġenti
Illi lilu aħna għandna
Is-segretarju tal-prezent.

Kulħadd fih fiduċja għandu
Għax tassew Hu bniedem abbli
Ilu wieħed u għoxrin sena
F'din il-kariga responsabbli.

Bniedem ta' l-affari tiegħu
Dejjem Hu mexa bil-fier
Qabel ma ħa din il-kariga
Kellu oħra ta' kaxxier.

Dan jaħdem is-sena kollha
Lilu nsibu dejjem magħna
Speċjalment fi żmien il-festa
Biex idawwal it-toroq tagħna.

Għax sa mill- bidu ta' ċkunitu
Hu dejjem ħabb lill-partit
U fil-festi ta' kull sena
It-toroq bid-dawl iżid.

Dawn is-Segretarji kollha
Lis-Soċjeta minn qalbhom qdew
Dejjem urew rieda tajba,
Lill-Partit dejjem ħabbew.

Għalkemm disa' minnhom mietu
Għax il-mewt lil kulħadd tjassar,
Imma isimhom miktub jibqa',
B'ebda gomma ma jitħassar.



**Kxief tal-Bust ta' l-Ex President Onor. Charles A.B. St. George il-Ħamis 3 ta' Ġunju 1993**



**Minn ibnu, il-President Onorarju is-Sur James C.B. St. George.**

Barra dawn is-Segretarji
Jien ukoll insemmi rrid
Xi nies oħra ħajjin għadhom
Li għamlu unur lill-Partit.

Nibda minn Ġanni Azzopardi
Ta' Ġogba jsibuh dan,
L-hu President Onorarju
Fost sħabu huwa l-anżjan.

Sa mill bidu ta' ċkunitu
Tas-Soċjeta kien akkanit
Hu wieħed mill Veterani
Illi għandha fil-Partit.

Dana anki wara mewtu
Żgur li jibqa f'qalb kulħadd
Għax ħalla tifkira sbejħa
Illi żgur din ma tmut qatt.

Għamel opra tassew sbejħa
Ta' prestiġju kbir għalina
Għamel il-Madonna ta' Lourdes
Magħha wkoll lil Bernardina.

Kull min iżur il-Każin tagħna
Din l-opra jista' jilmaħha
Jekk jibqa dieħel fil-bitħa
Sew fil-kantuniera tagħha.

Is-sena erba' u disgħin kienet
Waqt Seduta Generali
Kellna żewġ persuni oħra
Li ħadu unur speċjali.

Nibda minn Pinu Axiaq
Illi huwa ġie maħtur
Il-Bandist Onorarju -
Il-Partit taħ dan l-unur.

# DIRETTURI TAL-BANDA



Sur Nikol Magri
Fundatur
Orkestra "Bellini"
1895 - 1941



Sur Carmelo Aquilina
Fundatur
Banda "Lourdes"
1942



Mro. Michael Ciantar
1942 - 1947



Mro. Carmelo Scicluna
1948 - 1963



Mro. Nazzareno Mifsud
1964 - 1984



Mro. Charles Cachia
1985 -

Huwa jagħmel xogħol fejjiedi
Għaliex dan Huwa kopjista
Kif ukoll għandu xogħol ieħor.
Għax Hu wkoll Arkivista

Bniedem ta' l-affari tiegħu
Ilu jdoqq għal ħafna snin
Għax sa mill-bidu ta' tfulitu
Dejjem ħadem għall-Każin.

Anki wkoll bniedem ieħor
Dan ukoll ġie Onorat
Bniedem serju u bravu
F'Malta kollha rrispettat.

Is-Surmast Emanwel Bugeja
Li mżejjen bl-aqwa umilta
Ġie maħtur Surmast Onorarju
Ta' Lourdes is-Soċjeta.

Il-partit ta' Lourdes kollu
L-akbar ġid lilu jixtieq
Ex Surmast tal-Banda tal-Karmenu,
Queen Victoria taż-Żurrieq.

Għalhekk aħna l-Partitarji
Minn ta' Lourdes il-Każin
Minn qiegħ qalbna nifirħulhom
Bihom aħna wisq kburin.

Anki wkoll fl-istess seduta
Li kien għamel il-Partit
Kienet saret deċizjoni
Ħalli jkollna Plancier ġdid.

Għalhekk din id-deċizjoni
Qalbna għamlet wisq ferħana
Mill-ewwel bdejna naħdmu
Ħalli ssehh ix-xewqa tagħna.



Il-President Dr G. Cassar f'udjenza mal-Q.T. Il-Papa Ġwanni Pawl II
Fil-10 ta' Frar 1979.

Speċjalment Nikola Aquilina
Partitarju akkanit
Flimkien ma' ibnu Josef
Ħadmu il-frejm tal-ħadid.

Tassew għamlu l-almu tagħhom,
Minn qalbhom ħadmu t-tnejn
Huma ħadmu l-ħadid kollu
Dawna f'inqas minn xahrejn.

U l-injam tiegħu nħadem
Mis-Sinjur Mifsud Albinu
Li dan għamel sagrifiċċju,
Issagrifika ħafna minn hinu.

Anki Partitarji oħra
Ikkoperaw, kienu magħhom,
Min b'mod u min b'ieħor
Taw ilkoll l-għajnuna tagħhom.

Dawn in-nies illi tant ħadmu
Kulħadd ġieh għandu jagħtihom
Kull wieħed mill-Partitarji
Żgur li qatt m'għandu jinsihom.

Għaliex dawn bil-ħidma tagħhom
Komplew għaqqdu lill-partit
Għaliex sebbħu l-Pjazza tagħna
Bi Plancier Artistiku ġdid.

Lil dawn aħna nifirħulhom
Nixtiqulhom kull suċċess,
Dak ix-xogħol u t-taħbit kollu
Ma għamluhx għall-interess.

Imma għamluh b'imħabba pura
Li dawn għandhom għall-Partit
Lis-Soċjeta maħbuba tagħna
Jixtiqulha l-akbar ġid.





Fabbrika tan-Nar 1976

Dawn għandhom jibqgħu mfakkra
U jinżammu fil-memorja,
Isimhom ħaj għandu jibqa'
Għal dejjem miktub fl-istorja.

Għax lill-Partit wisq iħobbu
Għalih jagħmlu mill-aħjar
Għalhekk dawn għandhom jitnizzlu
Fost il-Partitarji l-kbar.

Hemm oħrajn nies qalbiena:
Id-Delettanti tan-Nar tagħna,
B'dak ix-xogħol sabih li jaħdmu
Bih isebbħu il-festa tagħna.

Dejjem jaħdmu s-sena kollha
Sajf u xitwa, sħana u bard.
Min jaħdem in-nar ta' l-ajru
U min jaħdem in-nar ta' l-art.

Sew ta' l-art jew dak ta' l-ajru
Tifħir għandhom minn kulħadd,
Għax nar bħal dan sabih u varju
Ġewwa Malta ma deher qatt.

Lilna dan tant iferraħna
U jagħmilna wisq kburin,
Illi huwa l-għaxqa tagħna
U l-għira tal-barranin.

Kull dilettant minn irħula oħra
Għal dan-nar żgur li jattendi,
Kull fejn tisma kelma waħda
X'nar sabih kien hemm fil-Qrendi.

Nar maħdum bi preċizzjoni
Minn ta' Lourdes il-Qrendin
Għax huma veri dilettanti
F'Malta kollha magħrufin.



Festi fl-okkazzjoni tal-50 Anniversarju ta' Dr G. Cassar ,
bħala President tas-Soċjeta
9 ta' Ġunju 1992



Jużaw reqqa l-aktar kbira
Sabiex joħroġ eċċellenti,
Nar sabih tassew speċjali
Li maħdum minn nies esperti.

Għalhekk lil dawn id-dilettanti
Aħna ntuhom kull tifħir
Għax ta' dan ir-raħal taghna
Qegħdin jagħmlu unur kbir.

Għax f'din il-medda ta' mitt sena
Kompliet tikber id-devozzjoni
Sena waħda wara l-oħra
B'qajna nżommu t-tradizzjoni.

Aktar ma ż-żmien jagħddi
Iktar jikber l-interess
Bis-saħħa tal-Partitarji
Aktar ikompli l-progress.

Għax din l-Għaqda ġiet biex tibqa'
Sabiex tferrah lil kulħadd.
Għaliex Hija għandha l-bidu
Imma tmiem m'għandha qatt.

Għad li twieldet mitt sena ilu
Żagħżugħa għadha u tibqa din
U aktar tkompli tissaħħah
Matul il-medda tas-snin.

Għax għandha Partitarji sodi
Li qalbhom marbuta magħha
Li bil-ħidma fejjieda tagħhom
Tibqa' tifrex l-egħruq tagħha.

Għaliha dawn jibqgħu jaħdmu
Għax minn qalbhom iħobbuha
U aktar ma s-snin igerrbu
Din aktar issir żagħżugħa.





Ritorn ta' l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fis-6 ta' Ġunju 1988, wara li ġiet restawrata mill-Kavallier is-Sur Alfred Camilleri Cauchi.

Dina hekk għal dejjem tibqa
Ma taghmilx biha x-xjuħija
Għal dejjem Hi tibqa' soda
Għaliex ħadd ma jista' għaliha.

Għax mibnija fuq sisien sodi
Li dawn żgur li ma jċedhux
Ħallihom jonfħu l-irwiefen
Għax Lilha żgur ma jġarrfux.

Jiena ktibt din l-istorja
Bl'akbar reqqa w interess
Jiena l-inkuraġġiment kelli
Mill-Viċi President stess.

Dana hu Ġużeppi Magro
Minnu sibt kooperazzjoni
Għaliex jien bis-saħħa tiegħu
Akkwistajt l-informazzjoni.

Jiena lilu nirringrazzja
U nagħtih l-akbar tifħir
Li ma kellix l-għajnuna tiegħu
Dil-Ballata ma kienetx issir.

Din il-festa taċ-Ċentinarju
Gużeppi Magro kien ħaseb fiha
Għalhekk lili huwa ħajjar
Biex nikteb dil-poeżija.

Dil-proposta aċċettajtha
Għaliex b'hekk moħħi nikkwieta
Poeżija ta' spiss nikteb
Għalkemm jien m'inhiex Poeta.

Hawnhekk jiena sejjer nagħlaq
U nispiċċa dan il-fatt
Minn qiegħ qalbi nirringrazzja
U nagħti prosit lil Kulħadd.



Donazzjoni ta' Standard bir-Rakkmu tad-Deheb
mill-Ex membri emigranti fl-Awstralja
fl-4 ta' Ġunju 1984


SEDUTA
GENERALE





Il-President Onorarju is-Sur James St. George meta nħatar flok missieru
is-Sur Charles St. George fl-1992





Il-President Dr. Joe Cassar waqt iċ-Ċerimonja ta' l-investitura fil-Palazz il-Belt, jirċievi l-unur mill-E.T. il-President ta' Malta Dr. Ċensu Tabone bħala Kumpann ta' l-Ordni Nazzjonli tal-Mertu tar-Repubblika ta' Malta fit-13 ta' Diċembru 1993.











Il-Banda Lourdes tezegwixxi Marċi Funebri fis-6 ta' Marzu 1993
fil-Funeral ta' Ex Segretarju, Ex Bandist
Is-Sur Nazzareno Attard Barbara.





# IS-SOCJETA FILARMONICA LOURDES
# QRENDI

B`GHOZZA U MHABBA

SSELLEM

LIS - SOCI VITTMI TAL-LOGHOB TAN - NAR

| | | |
|---|---|---|
| GUZEPPI AGIUS | TA` 54 SENA | 24.7.1926 |
| ANDREW CAMILLERI | TA` 22 SENA | " |
| ANDREW MAGRO | TA` 17 IL-SENA | " |
| SALVU MAGRO | TA` 19 IL-SENA | " |
| GUZEPPI ABDILLA | TA` 43 SENA | 29.6.1950 |
| GERALD SAMMUT | TA` 38 SENA | 23.9.1951 |

MIKXUFA

MILL-PRESIDENT DR.GUZE CASSAR K.O.M., B.A., L.L.D.

FIL-FESTI CENTINARJI

MIT-TWAQQIF TAL-KAZIN LOURDES

1895 - 1995

IL-LUM 29 TA` MEJJU 1995


PUELLAE







Kuntratt
Xiri tal-Post Antik ta' Karattru
Il-Ħadd 12 ta' Mejju 1990

Il-Kumitat Festi Ċentinarji
Jrodu Ħajr lil dawn kollha
għall-kollaborażżjoni finanżjarja
tagħhom b'risq il-Pubblikażżjoni
ta' dan il-Ktieb ta' Tifkira:-

**Agius Marble Works Ltd.**

**Medavia**
**Mediterranean aviation**
**Company Limited**

**Motherwell Bridge Industrial Services LTD.**

**Chinese Tavern**
**29, Pinto Wharf Marsa. Tel: 226655.**

**Bonnici Textiles Ltd.**

**King Fisher**
**Bar & Restaurant**

**Agius Stone Works Co. Ltd.**

# PEUGEOT 106

EXCITING • EXCEPTIONAL • EXCLUSIVE

## THE CHARMER




The 106 five-door is breezy, alert and outrageously charming – a car with power and allure. It has a flair for exhilarating, comfortable and enjoyable motoring.

Available in petrol and diesel versions

**PEUGEOT**
CONCESSIONAIRES

# MICHAEL ATTARD Ltd.

National Road, Blata l-Bajda. Tel: 238854, 221951
and at New Showroom: Psaila Street, St. Venera. Tel: 449312
Gozo Sub-Agent: Pardi Motors Ltd., Republic Str., Victoria. Tel. 556678

# RAPHAEL XERRI

*Vegetables & Fruit Caterers*

Supplier Local Leading Hotles & Restaurants

Potatoes & Onions Broker, No. 321.

Stall 2, N04 Pitkali Market, Ta' Qali.

Tel: 437583. Mobile: 099 5047





Peresso Printing Press - Valletta